

Page 22

INTERVISTA MA' ANDRE' SCHEMBRI

Page 29

IR-REBH TAL-ELITLOPPET MINN RINGOSTARR TREB

Page 42

TAZZA TAD-DINJA 2018

# SPORTIV

NRU. 135 ĠUNJU 2018

16

## Sparar

Malta tospita għall-ewwel darba t-Tazza tad-Dinja

36

## Pool Lokali

Qormi Football Ground champions nazzjonali

44

## Storja tal-Football

Hibernians jumiljaw lil Floriana

# UIM V2 POWERBOAT GRAND PRIX F'MALTA

**Kompetizzjoni**

Irbaħ flokk ma' Eurosport

**Kompetizzjoni**

Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport




Looking for a new property? Bank of Valletta can assist you with a home loan built around your personal financial situation.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from www.bov.com or contact 2131 2020.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta

# ĠUNJU 2018






Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk
*Editur*

» Għadda xahar ieħor u qegħda terġa tkun ippublikata edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn il-ftuħ ta' wieħed mill-akbar avvenimenti sportivi mondjali, it-Tazza tad-Dinja, li għall-ewwel darba qegħda tittella' fl-Ewropa tal-Lvant, fir-Russja. It-team nazzjonali Malti tal-football, issa mmexxi minn Ray Żażu Farrugia, kien impenjat ukoll f'partiti ta' ħbiberija kontra l-Armenja u Georgia.

F'din l-edizzjoni ssibu wkoll intervista ma' André Schembri li jitkellem dwar l-awtobijografija li għadu kemm ippubblika u bħal Rachel Cuschieri ma jonqosx jiddiskuti l-futur tiegħu.

Fl-aħħar jiem ukoll Malta ospitat għall-ewwel darba kompetizzjoni mondjali tal-isparar wara l-ftuħ tax-shooting ranges ġodda, f'Ta' Kandja, ix-xahar li għadda. SportMalta għalqet ukoll il-progamm tagħha OnTheMove għal din is-sena filwaqt li ttellgħet ukoll kompetzzjoni tal-powerboats li ġibdet interess kbir anki minn barra minn xtutna. Il-Kumitat Olimpiku Malti akkwista riżultati tajbin ukoll fil-logħob tal-COJI fi Sqallija filwaqt li l-Malta Pool Association għalqet l-istaġun tagħha. Minn naħa l-oħra l-kumitat tal-FISEC qiegħed iħares b'ottimiżmu lejn il-logħob li se jsir f'Genk fil-Belġju.

Għad-dilettanti tat-tiġrijiet taż-żwiemel ma tonqosx intervista interessanti u esklussiva ma' wieħed mis-sidien tal-aqwa żiemel fil-mument fix-xena internazzjonali, Ringostarr Treb.

Fil-ħarġa ta' Sportiv ta' dan ix-xahar issibu wkoll l-aħħar aħbarijiet mill-gżira Għawdxija u artikli oħra interessanti. «

**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
**135**

**DIPARTIMENT TAL-AVVIŻI**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**DISINN**
UnionPrint Co. Ltd
design@unionprint.com.mt

**RITRATTI**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Voom Quest

**COVER**
UIM V2 Powerboat
Grand Pirx f'Malta

**irbaħ €25 voucher ma'**

TeamSport®




Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**F'liema pajjiż qed tintlagħab it-Tazza tad-Dinja?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju, 2018:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 134 hija:*
**Valletta rebħu l-FA Trophy**

*Ir-rebbieħ huwa: H. Caruana - San Ġwann*


















06 » Sports Malta

08 » Sparar

18 » Intervista ma' Rachel Cuschieri

20 » Powerboats

24 » Waterpolo



40





38



42




24

# SPORTIV



36



30

30 » "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" Ċelebrazzjoni f'ta' Qali
36 » Pool Lokali
38 » Gozo Sports
40 » Tazza tad-Dinja 2018
44 » L-istorja tal-futbol Malti

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# MALTA TOSPITA GĦALL-EWWEL DARBA

## T-TAZZA TAD-DINJA TAL-ISPARAR ISSF




» Matul ix-xahar ta' Ġunju, Malta ospitat għall-ewwel darba avveniment tat-Tazza tad-Dinja tal-Isparar fix-shooting range l-ġdida f'Ta' Kandja u li ġiet inawgurata x-xahar li għadda mill-Prim Ministru Joseph Muscat. Dan l-avveniment, u li għalih attendew mijiet ta' tiraturi, uffiċjali u dilettanti minn madwar id-dinja, kien organizzat mill-Federazzjoni Maltija tal-Isport tal-Isparar. It-Team Slovakk irnexxilu jirbaħ il-midalja tad-deheb fil-kompetizzjoni mixed tat-teams. Hawnhekk Malta kienet rappreżentata minn Brian Galea u Mikaela Galea. Din il-kompetizzjoni kienet fuq tliet rounds u Brian laqat 58/75 u Mikaela 46/75 għal total ta' 104 minn 150 plattina.

L-ewwel team ta' Slovakkja ħa l-midalja tad-deheb bi 42 punt. It-tieni team Taljan spiċċa jieħu l-midalja tal-fidda b'39 punt u l-ewwel team Taljan ħa l-midalja tal-bronż b'31 punt. Fi tmiem il-kompetizzjoni, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji, Clifton Grima ppreżenta l-midalji lit-teams rebbieħa. «

# IL-FINLANDIŻA MAKELA NUMELA SATU TIRBAĦ IL-MIDALJA TAD-DEHEB FIT-TRAP

» Numela Satu tal-Finlandja rebħet il-midalja tad-deheb fit-trap meta laqtet 118 minn 125 plattina. Quoss Katrin tal-Ġermanja rebħet il-midalja tal-fidda u Rabaya Ekatrina tar-Russja dik tal-Bronż. «



# SUĊĊESS AMERIKAN FL-ISKEET TAL-IRĠIEL




» L-Amerikan Vincent Hancock irnexxilu jispiċċa l-aħjar tiratur fil-kompetizzjoni tal-iskeet tal-irġiel. Fil-fażi finali, Hancock irnexxilu jolqot 56 plattina; segwit minn Mehelba Azmy tal-Eġittu li laqat 54 plattina u b'hekk ħa l-midalja tal-fidda u t-Taljan Rosetti Gabriele akkwista l-midalja tal-bronż meta laqat 45 plattina. «

# L-INGLIŻA AMBER HILL TISPIKKA FIL-FINALI SKEET

» Kienet l-Ingliża Amber Hill li ddominat il-finali tal-iskeet tan-nisa. Dan wassal biex tirbaħ il-midalja tad-deheb għall-pajjiżha. Hill laqtet 52 plattina matul l-aħħar stadju. L-Amerikana Amber rebħet il-midalja tal-fidda bi 48 plattina u ċ-Ċiniża Zang Dougl dik tal-bronż b'erbgħin plattina. «



# L-INGLIŻ AARON HEADING JIBAH ID-DEHEB FIT-TRAP




» L-Ingliż Aaaron Heading rebaħ il-midalja tad-deheb fil-kompetizzjoni mondali tat-trap. Dan meta laqat 42 plattina fil-fażi finali tax-shoot off tal-kompetizzjoni. Du Yu taċ-Ċina ħa l-midalja tal-fidda bi 38 plattina u l-Islovakk Kovavocy Marian dik tal bronż bi tletin plattina. Aktar qabel it-tiraturi Malti Brian Galea laqat 106 minn 125 plattina; William Chetcuti laqat 106; Mario Buhagiar laqat 99; Gianluca Chetcuti laqat 96 u Żaren Attard laqat 94 plattina. «

# JIĠI FI TMIEMU L-PROGRAMM ONTHEMOVE





**Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isport, Clifton Grima jiltaqa' mal-parteċipanti u l-pubbliku inġenerali**

» Il-programm OnTheMove li kien offrut matul ix-Xitwa li għadda, organizzat minn SportMalta bl-appoġġ ta' Kellogg's, ġie fi tmiemu bil-manifestazzjoni annwali organizzata fil-kumpless sportiv tal-Marsa. L-attivita' bdiet bil-parteċipanti jieħdu sehem f'tornej qosra li nkludew futbol, atletika, handball u basketball. Barra dan, parteċipanti fl-arti marzjali u dawk reġistrati għall-yoga u s-sessjonijiet ta' atletika għad-divertiment ukoll urew l-abiltajiet tagħhom filwaqt li numru ta' adulti kienu nvoluti f'sessjonijiet ta' fitness u aerobics. Ċiklisti tal-BMX urew l-abiltajiet

# ESTIŻA L-KOLLABORAZZJONI BEJN KELLOGG'S U SPORTMALTA




**Is-Sur Stefan Cassar jippreżenta l-isponsorship ta' Kellogg's lil Dr Luciano Busuttil, Chairman ta' SportMalta**

tagħhom fuq iċ-ċirkwit tal-BMX filwaqt li dawk ta' eta' tenera, li kienu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom stess, ħadu gost b'logħob preparat apposta għalihom kif ukoll f'sessjonijiet ta' ġinnastika u żfin.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji, Clifton Grima, iltaqa mal-parteċipanti. Hu kien akkumpanjat mill-kap eżekuttiv ta' SportMalta Mark Cutajar. Ir-rappreżentant ta' Kellogg's, Stefan Cassar ippreżenta l-isponsor liċ-chairman ta' SportMalta, Dr Luciano Busuttil. Din kienet it-tmintax -il sena nfila li Kellogg's kienu qegħdin jisponsorjaw il-programm On The Move, li qabel kien magħruf bħala Skolasport. "Permezz ta' dan l-isponsorship qiegħed nuru li Kellogg's qiegħed tinvesti fit-tul biex tiżdied l-attivita' fiżika fost it-tfal u ż-żgħażagħ Maltin," tenna Cassar.

Finalment, tliet itfal rebħu l-premijiet sbieħ abbinati ma' din l-attivita' li kienu rota u żewġ speakers blue-tooth offruti minn Kellogg's. «

# DEBUTT POŻITTIV GĦALL-COACH RAY FARRUGIA

## MALTA ..........1
## ARMENJA .....1



Ritratti: Paul Zammit Cutajar



» Il-coach Ray "Żażu" Farrugia kellu debutt pożittiv fit-tmexxija tat-team nazzjonali meta f'partita ta' ħbiberija kontra l-Armenja, li ntlagħbet fil-villaġġ ta' Wattens, ħdejn il-belt ta' Tirol, fl-Awstrija, it-team Malti kiseb draw ta' 1-1.

Farrugia, li huwa s-suċċessur tal-Belġjan, Tom Saintfiet, irnexxielu jwaqqaf is-sensiela negattiva ta' erba' telfiet konsekuttivi.

Din il-partita kienet tifforma parti wkoll minn training camp bħala tħejjija għall-kompetizzjoni tal-UEFA Nations League li se jingħata bidu f'Settembru li ġej.

F'din il-partita, erba' players ingħataw id-debutt - Jurgen Degabriele u Joseph Mbong (Hibernians) Jake Grech (Birkirkara) u Ferdinando Apap (Victoria Hotspurs).

Għall-kronaka, l-Armeni fetħu tajjeb u għamlu l-intenzjonijiet tagħhom ċari meta wara biss ħames minuti l-attakant li jilgħab ma' Lierse fil-Belġju, Ivan Yagan, kellu xutt qawwi minn pożizzjoni angolata jiġi mdawwar f'corner mill-goalkeeper Malti, Andrew Hogg.

Tmien minuti wara huma fetħu l-iskor permezz tal-istess IVAN YAGAN li minn pożizzjoni ideali fajjar xutt fil-baxx li għeleb għal kollox lil Hogg.

Fil-45 minuta, il-Maltin ingħataw penalty meta xutt ta' Joseph Zerafa ħabat ma' id player tal-Armenja, biex mill-11-metru d-difensur ANDREI AGIUS ma żbaljax.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, il-Maltin komplew fejn ħallew qabel il mistrieħ u fil 50 minuta, xutt mid distanza ta' Roderick Briffa għadda ċentimetri barra mil-lasti difiżi mill-goalkeeper, Aram Hayrapetyan.

Fis-77 minuta, l-Armeni qalgħu daqqa ta' ħarta hekk kif spiċċaw jilagħbu b'10 players meta tkeċċa d-difensur Varazdat Haroyan wara li ntwera żewġ karti sofor, bit-tieni waħda jirċeviha wara foul perikoluż li kkommetta fuq l-attakkant Malti, Alfred Effiong.

Il-kumplament tal-partita kien wieħed ferm kwiet ikkaratterizzat minn ħafna logħob f'nofs il-ground, bl-



ebda team ma jirnexxielu joħloq il-periklu fuq il-lasti avversarji.

**Malta:** 1-Andrew Hogg, 3-Joseph Zerafa (11-Andrew Cohen 81), 4-Steve Borg, 5-Andrei Agius, 7-Steve Pisani (14-Joseph Essien Mbong 76), 8-Paul Fenech, 9-Michael Mifsud (18-Jurgen Degabriele 88), 10-Roderick Briffa (6 -Jake Grech 72), 13-Ferdinando Apap (17-Ryan Camilleri 86), 19-Alfred Effiong, 22-Kyrian Nwoko (15-Myles Beerman 65) Coach: Ray Farrugia

**Armenja:** 16-Aram Hayrapetyan, 3-Varazdat Haroyan, 15-Hravr Mkoyan, 5-Gael Andonian, 11-Tigran Barseghyan, 5-Gor Malakyan (19-Hovhannes Hambardzumyan 46) 6-Karen Mkrtchyan (17-Artak Yedigaryan 72), 10-Gevorg Ghazaryan (13-Hayk Ishkhanyan 78), 18-Henrikh Mkhitaryan, 14 -Ivan Yagan (26-Edgar Babayan 61) Coach: Vardan Minasya

**Referee:** Julian Weinberger (Awstrija)
**Skorers:** I. Yagan 13 (A); A. Agius pen. 45 (M)
**Tkeċċa:** V. Haroyan 77 (A)
**Ammoniti:** A. Agius, S. Borg (M), V. Haroyan, H. Mkhitaryan (A)



Malta vs Georgia




# INSOFRU GOAL FL-AHHAR

**MALTA - 0**

**GEORGIA - 1**

» Fil-lieni partita ta' ħbiberija fi spazju ta' ftit ljem, it-team nazzjonali Malti ġie kkastigat minn penalty fid-90 minuta biex sofra telfa minima ta' 1-0 kontra Georgia, b'dawn tal-aħħar jilagħbu bi player inqas għal kważi 40 minuta.

Bħal fil-partita kontra l-Armenja, il-Maltin kellhom wirja qalbiena u offrew sfida denja lill-avversarji tagħhom xi ftit aktar ikkwotati minnhom, iżda kienu sfortunati meta kellhom ibaxxu rashom fl-aħħar sekondi tal-partita.

Il-coach, Ray 'Żażu' Farrugia, wettaq erba' bidliet mit-team li kiseb draw ta' 1-1 kontra l-Armenja. Dan hekk kif bejn il-lasti beda l-goalkeeper Henry Bonello minflok Andrew Hogg, Ryan Camilleri li rkupra minn injury żgħira ħa post l-Għawdxi Ferdinando Apap, Joseph Mbong beda fil-formazzjoni inizjali għall-ewwel darba fil-post ta' Steve Pisani filwaqt li Myles Beerman beda minflok Kyrian Nwoko.

Din il-logħba ta' ħbiberija ġabet fit-tmiem training camp ta' sebat ijiem fl-Awstrija li ġie organizzat bi tħejjija għall-UEFA Nations League liema kompetizzjoni se tibda f'Settembru li ġej, bl-avversarji tal-Maltin se jkunu l-Azerbaijan, Faroe Islands u l-Kosovo.

Kienu l-Maltin li ħolqu l-ewwel periklu li wasal wara biss tliet minuti meta l-midfielder, Roderick Briffa, ipprova japprofitta mill-fatt li l-goalkeeper tal-Georgia, Roini Kvaskhvadze, inqabad barra minn postu u ttanta xortih permezz ta' xutt mid-distanza li iżda ntemm għoli.



Georgia rrispondew żewġ minuti biss wara meta Lasha Dvali indirizza cross lejn Otar Kiteishvili li għola tajjeb iżda ra d-daqqa ta' ras tiegħu mill-viċin tintemm ċentimetri barra mil-lasti difiżi mill-goalkeeper Malti, Henry Bonello.

Huma komplew jattakkaw u fis-seba' minuta xutt angolat fil-baxx ta' Budu Zivzivadze ġie salvat minn Henry Bonello.

B'mod gradwali l-avversarji bdew jirbħu l-inizjattiva u fis-16-il minuta, tilfu ċans tad-deheb li jifthu l-iskor meta free-kick insidjuż ta' Zivzivadze stampa mal-mimduda qabel niżel fuq il-linja fatali, bid-difiża Maltija tkun pronta u tikklerja l-ballun 'il bogħod minn kull periklu.

Żewġ minuti biss wara, Georgia reġgħu setgħu fethu l-iskor meta l-iżmarkat, Saba Lobjanidze, għamel l-impossibbli minn pożizzjoni ideali.

Tmien minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, Georgia spiċċaw jilagħbu b'10 players meta tkeċċa Valeriane Gvilia għal żewġ karti sofor.

B'din it-tkeċċija, il-Maltin kibru fl-istatura u erba' minuti wara resqu viċin li jifthu l-iskor meta Myles Beerman indirizza free kick insidjuż biex il-ballun wasal għand Ryan Camilleri li minn taħt il-lasti ra lill-goalkeeper Roini Kvaskhvadze idawwar f'corner.

Il-partita baqgħet bilanċjata u meta kollox deher li kienet se tispiċċa fi draw, fid-90 minuta, Georgia rebħu penalty meta Steve Borg waqqa' lil Otar Kiteishvili fil-kaxxa, biex mill-11-il metru GURAM KASHIA b'xutt qawwi xeħet il-ballun fir-rokna tax-xibka.

**Malta:** 1- Henry Bonello, 3-Joseph Zerafa, 4-Steve Borg, 5-Andrei Agius, 8-Paul Fenech (6-Jake Grech 65), 9-Michael Mifsud (22-Kyrian Nwoko 71), 10-Roderick Briffa (16-Dunstan Vella 84) , 14-Joseph Mbong, 15-Myles Beerman (20-Luke Gambin 58), 17-Ryan Camilleri, 19-Alfred Effiong (18-Jurgen Degabriele 82) - Coach: Ray Farrugia

**Georgia:** 12-Roini Kvaskhvadze, 2-Levan Gegetchkori, 4-Guram Kashia, 5-Solomon Kverkvelia, 6-Giorgi Aburjania, 8-Otar Kiteishvili (16-Lasha Shergelashvili 90), 9-Saba Lobjanidze (26-Giorgi Beridze 68), 11-Vakhtang Tchanturishvili (27-Giorgii Kharaishvili 71), 14-Budu Zivzivadze, 15-Lasha Dvali, 21-Valeriane Gvilia - Coach: Vladimir Weiss

**Referee:** Manuel Schuettenburger (Awstrija)

**Skorer:** G. Kashia 90 pen (G)

**Tkeċċa:** V. Gvilia 53 (G)

**Ammoniti:** V. Gvilia (2), L. Gegetchkori (G), S. Borg (M)



# MALTA V SVEZJA

## UNDER 21: TELFA KBIRA GĦAT-TEAM MALTI










» It-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena kellu jbaxxi rasu għall-qawwa tal-Isvediżi hekk kif dawn tal-aħħar ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-0 f'partita valida minn Grupp 6 tal-Kampjonat Ewropew.

Kif jindika l-iskor, l-Isvediżi kienu l-aħjar team bil-Maltin ftit li xejn kienu perikolużi u qatt ma mpenjaw lill-goalkeeper avversarju Oscar Linner.

M'hemmx dubju li l-esperjenza wiesa' li kienu jippossjedu l-avversarji tagħna għamlet id-differenza kollha, hekk kif huma jilagħbu f'kampjonati prinċipali fl-Ewropa fosthom fil-Ġermanja, l-Italja u l-Ingilterra.

B'din it-telfa, it-team immexxi mill-coach, Silvio Vella, għadu qed ifittex l-ewwel punt f'dan il-gurpp ... bit-tama tkun li t-tliet partiti li fadallu t-team Malti, kollha se jilgħabhom f'pajjiżna ... meta jiffaċċja lill-Belġju fis-7 ta' Settembru, lill-Ungerija fit-12 ta' Ottubru u lil Ċipru fis-16 tal-istess xahar.

L-Isvezja għamlu l-intenzjonijiet tagħhom ċari mal-ftuħ tal-partita u wara biss 185 sekonda fetħu l-iskor meta Svante Ingelsson xeħet cross mil-lemin lejn JOEL ANDERSON li xxamplat u mill-viċin tefa' l-ballun f'lasti vojta.

L-avversarji reġgħu ħolqu l-periklu man-nofs siegħa logħob meta Erdal Rakip għadda tajjeb lejn Joel Andersson li żmarkat u minn pożizzjoni ideali ra x-xutt tiegħu jgħaddi ċentimetri barra.

Minuta biss wara, huma rduppjaw meta s-sostitut Daleho Irandust indirizza cross preċiż mix-xellug lejn CARLOS STRANDBERG li mill-viċin u permezz ta' xutt mill-ewwel fil-baxx tefa' l-ballun fix-xibka.

Iktar ma beda jgħaddi l-ħin, iktar kompla jżid id-dominju assolut tal-Isvediżi u fl-40 minuta, Jordan Larsson li jiġi iben l-ex attakkant leġġendarju Henrik Larsson, xeħet cross fil-baxx mil-lemin lejn Carlos Strandberg li waħdu quddiem il-lasti, ra lill-goalkeeper Jake Galea isalva b'siequ biex evita goal ċert.

# U21 Malta v Svezja









Eżattament qabel intemmet l-ewwel taqsima, il-Maltin resqu lejn il-lasti avversarji meta x-xutt ta' Juan Corbolan habat max-xibka minn barra biex b'hekk ta l-illużjoni tal-goal.

Fit-tieni taqsima, l-Isvediżi komplew fejn hallew qabel il-mistrieh u fis-60 minuta, skorjaw it-tielet goal meta l-captain, Linus Wahlqvist, għadda tajjeb lejn Erdal Rakip li xeħet cross lejn CARLOS STRANDBERG li mill-viċin tefa' l-ballun wara l-goalkeeper Malti, biex b'hekk irregistra doppjetta personali.

Fid-79 minuta, l-Isvezja rebħu penalty meta Jean Borg waqqa' lil Jonathan Levi fil-kaxxa biex mill-11-il metru nkariga ruħu ERDAL RAKIP li ma żbaljax hekk kif permezz ta' xutt fil-baxx għar-rokna tax-xibka tefa' l-ballun naħa u lil Galea n-naħa opposta.

**MALTA:** 1-Jake Galea, 2-Jean Borg, 4-Karl Micallef, 5-Dunstan Vella, 7-Joseph Mbong, 8-Jake Grech (17-Zachary Scerri 74), 9-Kyrian Nwoko, 10-Jurgen Degabriele (6-Michele Sansone 64), 11-Myles Berrman, 13-Neil Tabone (22-Kurt Shaw 72), 16-Juan Corbolan - Coach: Silvio Vella

**SVEZJA:** 1-Oscar Linner, 2-Linus Wahlqvist, 3-Filip Dagerstal, 4-Franz Brorsson, 5-Joel Andersson, 6 Jonathan Levi, 7-Erdal Rakip, 8-Isak Ssewankambo, 9-Svantle Ingellson (15-Daleho Irandust 11) (16-Tesfaldet Tekie 46), 10-Carlos Strandberg (18 -Gustav Engvall 84), 11-Jordan Larsson - Coach: Roland Nilsson

**REFEREE:** Peter Kjasesgaard-Andersen (Danimarka)

**ASS. REFEREES:** Victor Skytte, Dennis W. Rasmussen (Danimarka)

**RABA' UFF:** Anders Poulsen (Danimarka)

**SKORERS:** Joel Andersson 4, C. Strandberg 31, 60, E. Rakip pen. 80 (S)

**AMMONITI:** J. Borg (M), I. Ssewankambo (S)

**ATTENDENZA:** 525




# "IX-XEWQA TIEGĦI TIBQA LI NIBQA' NILGĦAB BARRA MINN MALTA"

**RACHEL CUSCHIERI, PLAYER**

» Waħda mill-players femminili Maltin li matul is-snin ħalliet impressjoni tajba kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna hija Rachel Cuschieri. Rachel twieldet fis-26 ta' April 1992 u sa tmiem l-istaġun li għadda kienet tilgħab fil-Belġju ma' RSC Anderlecht. Hi bdiet il-karriera tagħha ma' San Ġwann, lgħabet ukoll ma' Birkirkara u ftit tas-snin wara, fl-2014 ingħaqdet ma' Apollon Limassol f'Ċipru. B'hekk saret l-ewwel player femminili li lgħabet barra l-pajjiż. Fl-2010 hi anki ddebuttat fil-kompetizzjoni taċ-Champions League. Ftit tal-jiem ilu tħabbar ukoll li Cuschieri ngħaqdet ma' PSV Vrouwen fl-Olanda.

Mitluba tikkummenta minn Sportiv dwar il-karriera tagħha, Cuschieri qaltilna li hi bdiet tilgħab meta kellha biss ħames snin man-nursery ta' San Ġwann u ta' tlettax -il sena ngħaqdet ma' Birkirkara. "Meta kont tifla kont nieħu gost nara lil ħuti jilgħabu l-football fuq il-bejt u minn hemm bdiet l-imħabba tiegħi lejn dan l-isport. Mill-familja tiegħi dejjem kelli l-appoġġ li kelli bżonn," qalet Rachel Cuschieri. Dwar id-debutt tagħha man-nursery ta' San Ġwann, Cuschieri qaltli li dan seħħ minħabba li ħutha kienu anki jilgħabu ma' dan il-club, għalhekk hi imxiet fuq il-passi ta' ħutha.

Ta' erbatax -il sena kisret ukoll rekord ieħor. Dan meta ddebuttat mat-team nazzjonali Malti ta' eta' daqstant tenera f'logħba kontra l-Isvizzera u fl-2013 skorjat ukoll l-ewwel

Intervista minn Kenneth Vella



**RACHEL CUSCHIERI FL-AZZJONI MAT-TEAM NAZZJONALI MALTI (HAJR MFA)**

goal tagħha bil-flokk tat-team nazzjonali kontra l-Armenja. Sal-lum, Rachel Cuschieri hija l-aqwa skorer ta' kull żmien tat-team nazzjonali Malti u l-iżgħar player li qatt skorjat bil-flokk tal-istess team nazzjonali.

Dwar id-deċiżjoni tagħha li dħalli gżiritna u tmur tilgħab barra minn xtutna hi tenniet li dan għamlitu għax kienet konxja li jekk kellha tagħti l-massimu tagħha dan seta' jseħħ biss jekk tilgħab professjonalment barra minn Malta. "L-esperjenzi li kelli Ċipru u anki l-Belġju kienu sbieħ wisq, pożittivi immens u ma jiddispjaċini qatt li hadt din id-deċiżjoni. Dan għax kbirt bħala persuna u anki bħala player."

Dwar il-futur tagħha u anki in vista li dan l-aħħar iffirmat ukoll ma' PSV Vrouwen, Rachel Cuschieri qaltli li qiegħed tħares b'ottimiżmu lejn din l-avventura ġdida. "Għalkemm ikolli ngħid li x-xewqa tiegħi tibqa dik li xi darba ningħaqad ma' xi club popolari u professjonali Ingliż," tenniet il-player internazzjonali Maltija.

Finalment, meta mitluba biex twassal messaġġ lil dawk it-tfajliet li jixtiequ jaqbdu l-karriera tagħha, Rachel Cuschieri saħqet li hu importanti li dawn ma jaqtgħux qalbhom. "Il-ħolma tagħkom taf issir realta' b'impenn, xogħol, sagifiċċju u dedikazzjoni," ikkonkludiet Rachel Cuschieri.

# UIM V2 POWERBOAT

## L-AĦWA MARTINI REBBIEĦA MINKEJJ



» L-Edizzjoni tal-GP002 tal-Kampjonat Internazzjonali tal-Powerboat UIM V2 reġgħet kienet fl-ibħra Maltin bi tliet tlielaq ta' klassi mondjali mill-organizzazzjoni Voomquest. It-temp fil-jiem li saru dawn it-tiġrijiet ma kienx ħanin anzi kien wieħed sever u l-piloti tal-VA Powerboats kellhom juru sportivita' immensa, jikkumbattu bis-sħiħ baħar qawwi biex jagħmlu d-dawriet tul il-korsa ta' din it-tellieqa fil-baħar Mediterran li jdawwar il-kosta Maltija.

L-ewwel jumejn ta' kompetizzjoni il-Ġimgħa 8 u s-Sibt 9 ta' Ġunju saru f'riħ li nefaħ sa 30 knot li għamel il-baħar diffiċli li tħabbatha miegħu għax beda joħloq mewġ sa żewġ metri għolja. Dan fisser li l-Powerboats SVR-27 Chaudron ma kkompetewx sas-Sibt wara nofsinhar meta kienu diġa' saru żewġ sessjonijiet ta' prattika uffiċjali.

It-temp qalil kien jinħass anki fil-parti sigura tal-Port il-Kbir. Il-flotta ta' sitt powerboats daħlet f'baħar miftuħ biex tiffamiljarizza ma' korsa iqsar li tintuża f'każ ta' maltempata, qrib il-kosta bejn Tigne' Point u Portomaso. Spettaturi u dilettanti tal-isport setgħu jsegwu mumenti mill-aktar diffiċli li ltaqgħu magħhom il-parteċipanti fl-istorja ta' dan l-isport hekk kif il-piloti dehru litteralment jissieltu bis-sħiħ biex iduru mal-korsa u dan meta wieħed jiftakar li anki f'temp tajjeb il-piloti jiltaqgħu ma' mumenti diffiċli f'kull sekonda ta' kull tellieqa.

Tul il-jiem tal-kompetizzjoni żewġ powerboats sofrew ħsara u kellhom jissewwew biex ikomplu jieħdu sehem.

Fuq l-iskaluna tat-tielet post tal-podium tela' il-pilota ta' esperjenza kbira, Francis Notschaele li hu ċ-Champion tad-Dinja u tal-Ewropa tal-UIM. Hu qal li f'dawn it-tlielaq esperjenzaw l-aqwa pika kompetittiva ta' ħajjithom u ħadu gost immens. Sitt teamijiet internazzjonali u 12-il pilota mill-Ewropa ħadu sehem u litteralment kellhom itiru bil-powerboats tagħhom fuq il-mewġ waqt il-kompetizzjoni.

Fl-ewwel tellieqa t-timijiet parteċipanti użaw kawtela kbira meta ħarġu u qagħdu wara l-Official Start Boat sakemm draw l-ewwel mewġ iħabbtu mal-powerboats.

Kien Dominique Martini li aċċellera b'saħħa u dar ma' l-ewwel baga fil-vantaġġ. Hu żamm din il-pożizzjoni biex iddomina kull tiġrija u b'hekk il-pilota minn Korsika ħareġ rebbieħ. Il-ġlieda mit-tieni sar-raba' post kienet bejn it-timijiet Cuting Edge, Lethiec u No

# RAND PRIX F'MALTA

## A TEMP HAŻIN TUL IT-TLIELAQ




Comment biex it-tliet tlielaq żvolġew kontinwament eċċitanti.

B'total ta' 1,200 punt l-aħwa Dominique u Jean Luc Martini kienu r-rebbieħa overall bil-powerboat 55-Team Marine Diffusion. It-timijiet kollha esperjenzaw mumenti tajbin u f'diversi waqtiet dehru qrib il-powerboat rebbieħa, biss fit-tielet tellieqa Cutting Edge ta' Steve Bezzina u Michael Abela rebħu t-tieni post.

L-Enemed fornit lill-powerboats bil-fuel meħtieġ. Il-powerboats se jerġa' jkollhom esperjenza oħra tal-Voomquest meta jikkompetu f'Malta, fil-Kampjonat tad-Dinja UIM V2 f'Settembru li ġej.

Ir-riżultati overall fuq tliet tlielaq bil-pajjiż u l-punti kienu dawn:

1. Franza (Korsica) 1200;
2. Malta 825;
3. Franza 652;
4. Belġju 465;
5. Belġju 394;
6. Malta2 0;

**Ir-rizultati overall ta' kull tim kienu dawn:**

**1. Marine Diffusion (55)** – **Pilot:** Dominique Martini (F)
– **Navigator:** Jean-Luc Martini (F)

**2. Cutting Edge (77)** – **Pilot:** Steve Bezzina (M)
– **Navigator:** Michael Abela (M)

**3. Lethiec (06)** – **Pilot:** Yannick Lethiec (F)
– **Navigator:** Claude Vaccari (F)

**4. Atomic & Grey** – **Pilot:** Benjamin Van Riet (B)
– **Navigator:** Robbe Van Riet (B)

**5. No Comment (05)** – **Pilot:** Francis Notschaele (B)
– **Navigator:** Sam Howes (GB)

**6. Freccia Blu (11)** – **Pilot:** Beppe Debono (M)
– **Navigator:** Dustin Mifsud (M)

# KTIEB ĠDID: ANDRE' SCHEMBRI, 10 SNIN NILGĦAB FL-EWROPA




Il-librerija sportiva dan ix-xahar żdiedet b'żewġ kotba ġodda. It-tnejn differenti minn xulxin, imma li jgħaqqadhom hu l-ġeneru sportiv: 'Andre' Schembri, 10 snin nilgħab fl-Ewropa' u 'Żelqiet Sportivi u Ċajt Ieħor'. 'Andre Schembri, 10 snin nilgħab fl-Ewropa' hu l-awtobijografija tal-player internazzjonali Malti li sa issa lagħab ma' 10 teams barranin u tnejn Maltin. F'din l-awtobijografija, Andre' Schembri jiftaħ beraħ il-ħajja tiegħu u jikteb dwar id-determinazzjoni, l-esperjenzi, il-weġgħat, is-suċċessi u jikkumenta dwar il-coaches, players u anki dwar il-football Malti. Il-ktieb jibda b'messaġġ li Andrea Pirlo għamel apposta għal dan il-ktieb. Sportiv tkellem ma' Andre Schembri.

**›› 1. X'inhi r-raġuni li ddeċidejt li tikteb l-awtobijografija 'Andre Schembri, 10 snin nilgħab fl-Ewropa'?**

Meta kont żgħir kont inħobb naqra awtobijografiji ta' plejers ta' fama mondjali u dejjem kelli x-xewqa li xi darba nikteb l-awtobijografija. Fil-fatt kont inżomm djarju ċkejken biex nikteb xi esperjenzi li ngħaddi minnhom biex żgur ma ninsihomx. Is-sena l-oħra meta kont il-Portugal, ħassejt li wara għaxar snin nilgħab barra minn Malta kien wasal iż-żmien li nibda nikteb l-awtobijografija tiegħi. Jien xtaqt li permezz ta' dan il-ktieb, ikolli l-opportunita' li naqsam l-esperjenza tiegħi kif ukoll il-ħsibijiet tiegħi dwar il-football lokali li tant nisħaq fuqhom. Fil-ktieb 'Andre Schembri, 10 snin nilgħab fl-Ewropa' jissemmew esperjenzi kemm sbieħ kif ukoll oħrajn xi ftit diffiċli. Nista' nghid li ma kienx faċli biex nasal fejn wasalt madankollu bis-sagrifiċċji u d-determinazzjoni irnexxili nikseb il-ħolma tiegħi. U huwa propju dan il-messaġġ li nixtieq li nwassal permezz tal-awtobijografija tiegħi għaliex jien nemmen li dan il-ktieb huwa ta' għajnuna mhux biss għal dawk it-tfal li jixtiequ li jilgħabu football professjonali iżda wkoll għall-ġenituri u l-familjari tagħhom.






**2. Li player Malta jilgħab barra hi ħolma ta' ħafna. X'inhuma l-kriterji li jwasslu għal dan. Kif irnexxilek tasal?**

Mal-ħolm irid jiżdied l-impenn is-sagrifiċċju u l-perseveranza għaliex ma tistax tirnexxi f 'livell internazzjonali. Apparti minn hekk importanti li tkun mentalment b'saħħtek, irrispettivament minn kemm tkun tajjeb teknikament u fiżikament. Jiena nemmen li biex jirnexxilek tasal fejn trid, importanti li toħroġ mill-'comfort zone' tiegħek. In-nutrizzjoni huwa aspett importanti wkoll fl-isport u wieħed għandu jiekol kif suppost għaliex it-training u n-nutrizzjoni jimxu id f'id.

**3. Is-suq barrani hu kompetittiv, għal player minn gżira żgħira forsi l-isfida hi akbar. Xi sfidi tiffaċċja anki biex tmur minn club għall-ieħor?**

Minhabba l-fatt li ġej minn pajjiż fejn il-football ma tantx huwa ta' prominenza, il-clubs professjonali barranin jippreferu jieħdu players minn pajjiżi rinomati bħal per eżempju mill-Brażil fejn dawn huma rinomati għat-talenti li jipproduċu. Mill-esperjenza tiegħi, jien tlift diversi opportunitajiet biex nilgħab f'kampjonati tal-ogħla livell minħabba l-fatt li kelli passaport Malti fejn id-diriġenti tal-klabb preferew players b'nazzjonalitajiet oħra fejn il-football huwa tal-ogħla livell fil-pajjiż tagħhom. Konsegwenza ta' dan il-fatt, trid tkun ferm aħjar minn dak barrani biex tiffirma ma' club barrani Ewropew.

**4. Kif tixtieq tara l-football Malti jiżviluppa?**

Jien nixtieq nara li l-aħjar players Maltin minn ta' eta zgħira jmorru jilagħbu barra minn Malta. Pero' importanti li l-ewwel u qabel kollox irridu noħolqu ambjent u struttura fejn il-player Malti jista' jilħaq il-potenzjal tiegħu qabel ma jmur barra. Jien nemmen issa wasal iż-żmien li jinħoloq kampjonat professjonali fil-football Malti fejn il-players ikunu jistgħu jiffukaw fuq il-football biss.

**5. It-tfal Maltin qed jiġu mħeġġa jkunu professjonali u dixxiplinati jew taħseb li għandna naraw l-isports bħala telf ta' ħin mill-istudju?**

Fl-opinjoni tiegħi hafna familji f'Malta għadhom jaraw l-isports bħala telf ta' ħin mill-istudju minħabba l-fatt li jaraw li fl-isport Malti m'hemmx futur. Sfortunatament f'pajjiżna huwa diffiċli li tieħu l-isport professjonali u biex tagħmel hekk trid tmur barra. Nerġa nsostni li l-ikbar problema f'Malta hija li l-ambjent ma jippermettix biex tilħaq il-massimu tiegħek fl-isport minħabba n-nuqqas ta' riżorsi li għandna. Apparti minn hekk, jien nemmen li trid issir riforma sħiħa fl-edukazzjoni fejn l-isport jiġi meqjus bħala suġġett importanti fl-iskejjel.

L-isport u l-istudju għandhom jimxu id f'id għaliex daqs kemm huwa importanti l-istudju hija importanti wkoll saħħitna.

**6. Andre' Schembri, fejn se tkun minn hawn u ħames snin, għaxar snin oħra.**

Il-futur ħadd ma jafu madankollu x-xewqa tiegħi hija li nkompli nilgħab football professjonali għal dawn l-aħħar snin tiegħi bħala player. Jien għandi għal qalbi il-coaching u nixtieq li bl-esperjenza li għandi f'dan il-qasam kif ukoll bl-istudju u r-riċerka neċessarja li qiegħed nagħmel ngħin lil dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jmorru jilgħabu football professjonali barra minn Malta. Apparti minn hekk, nixtieq ukoll li xi darba mmexxi t-Team Nazzjonali Malti. ❮❮

### KAMPJONATI EWROPEJ TAL-LEN

# MALTA TERĠA' FOST L-AQWA SITTAX TAL-EWROPA

## SE TIFTAĦ B'LOGĦBA KONTRA L-ORGANIZZATURI TAL-FINALI SPANJA FIS-16 TA' LULJU F'BARĊELLONA




Il-President tal-ASA Joe Caruana Curran (lemin) u l-coach nazzjonali Karl Izzo

» Malta se terġa' tieħu sehem f'finali oħra tal-Kampjonati Ewropej tal-Waterpolo sentejn wara li kienet iddebuttat f'finali simili u spiċċat fil-15-il post.

It-33 edizzjoni ta' dawn il-kampjonati organizzati mil-LEN se jintlagħbu fil-pixxina Bernat Picornell ta' Barċellona bejn l-14 ta' Lulju u t-28 ta' Lulju. Minbarra l-Kampjonati tal-irġiel se jintlagħbu wkoll dawk tan-nisa.

Taħt it-t-tmexxija tal-kowċ, Karl Izzo it-tim Malti kkonferma l-mument tad-deheb li l-waterpolo Malti hu għaddej minnu biex reġa' kkonferma postu mal-aqwa sittax tal-Ewropa.

Hu fatt magħruf li kienet iżjed iebsa li t-tim Malti reġa' jinsab fil-finali u dan wara li rebaħ il-play-off kontra l-Belarus 23-17 aggregate. F'Minsk kienu tilfu 8-7 u f'Malta rebħu 16-9.

Fil-finali li se jintlagħbu f'Barċellona, Malta se tilgħab fi Grupp B li jinkludi lil Spanja, Montenegro u Franza.

**Il-gruppi l-oħra huma magħmula minn:**

**Grupp A**- Ġermanja, Georgja, Italja, Ungerija
**Grupp C** – Kroazja, Turkjija, Greċja u Olanda
**Grupp D** – Russja, Serbja, Slovakkja u Rumanija.

Malta se tiftaħ b'logħba kontra Spanja fis-16 ta' Lulju u wara tilgħab kontra l-Montenegro fit-18 ta' Lulju u Franza fl-20 ta' Lulju. Wara dawn il-logħbiet, Malta tilgħab logħbiet oħra biex tkun magħrufa l-pożizzjoni finali.

Fil-finali ta' sentejn ilu, Malta lagħbet seba' logħbiet f'Belgrade fis-Serbja.

Minnhom rebħet propju l-aħħar logħba kontra t-Turkija 4-3 bil-penalties wara draw ta' 10-10.

Malta kienet tilfet 17-7 kontra Franza, 20-2 kontra s-Serbja u 22-2 kontra l-Kroazja fil-logħbiet tal-gruppi. Wara tilfet 14-3 kontra

Spanja, 12-7 kontra r-Rumanija u 17-9 kontra s-Slovakkja biex waslet għal-logħba finali biex tiddetermina l-15 u s-16-il post kontra t-Turkija.

Ta' unur kbir kien il-fatt li l-player Malti Steve Camilleri rebaħ l-unur ta' l-aqwa skorer tal-finali b'21 gowl. Fil-logħba deċisiva kontra l-Belarus li Malta rebħet 16-9, Steve Camilleri reġa' kien l-aqwa skorer b'sitt goals. L-għaxar goals l-oħra skurjawhom Matthew Zammit 4, A. Cousin 3, Dino Zammit 2 u J. Camilleri 1.

## Players Maltin jilagħbu barra minn Malta

Skont il-President Joe Caruana Curran, li ilu fit-tmun tal-ASA sa mill-2010 u reġa' kien ikkonfermat fl-2013 u fl-2016, is-suċċess wara dawn il-kwalifikazzjonijiet hu l-fatt li iżjed players Maltin qed imorru jilagħbu f'kampjonati barra minn Malta. "Dan hu l-mod kif intejbu l-livell tal-logħba tagħna," ikkummenta Caruana Curran. Il-fatt li madwar seba' players qed jilgħabu f'kampjonati internazzjonali jagħtina fiduċja li fi Spanja t-tim Maltti jista' jkun qawwi aktar milli kien fis-Serbja sentejn ilu.

Minħabba l-pożizzjoni li kiseb fil-finali ta' sentejn ilu għal dawn il-kampjonati t-tim Malti ma kienx involut fil-preliminari u biex ikkwalifika lagħab il-logħbiet fuq żewġ legs kontra l-Belarus.

Imma l-moħħ wara dan is-suċċess Malti fil-waterpolo internazzjonali hu l-kowċ Karl Izzo li l-President Joe Caruana Caruana għandu ammirazzjoni kbira lejn ix-xogħol li qed iwettaq f' kull kategorija tat-timijiet nazzjonali. Karl Izzo li għandu 49 sena kien daħal fil-kariga tat-tim nazzjonali fl-2012 minflok Sergio Afric. Sa minn meta ħa t-tmexxija f'idejh, Izzo kien għamilha ċara li biex it-tim jasal għall-viżjoni li għandu hu ried jintroduċi xi inizjattivi ġodda u dawn jidher li taw il-frott mixtieq.

Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet li kemm jista' jkun players Maltin imorru jilagħbu barra minn Malta. Il-fatt li players Maltin marru jilagħbu f'kampjonati qawwija bħal dawk tal-Italja, l-Ungerija u s-Serbja għenu biex il-livell ta' Malta tant għola li għal dawn l-aħħar sentejn ikklassifikat mal-aqwa sittax tal-Ewropa li jinkludi l-krema tan-nazzjonijiet fil-logħba tal-waterpolo mondjali.

Għalkemm il-kowċ Izzo għad irid iħabbar il-grupp li se jieħu għall-finali ta' Spanja, l-iskwadra mistennija tkun magħmula mill-parti l-kbira tal-players li għenu lil Malta tegħleb lil Belarus. Dawn kienu : N. Grixti, N. Bugelli, A. Galea, Da. Zammit, J. Abela, M. Zammit, J. Camilleri, S. Camilleri, B. Plumpton, A. Cousin, Z. Mizzi, D. Zammit, J. Tanti

### Wopit il-maskot

Wopit se jkun il-maskot ta' dawn il-finali. Fil-Katalunja dan il-maskot igawdi popolarita' kbira speċjalment mat-tfal u hu l-kappa li biha jilagħbu l-players imma magħmula f'forma ta' ballun. Barra minn dan il-ballun uffiċjali se jkun dak K7. Dan l-aħħar kienu ppreżentati mal-280 ballun li nofshom se jintużaw mill-irġiel u n-nofs l-ieħor min-nisa. Il-blalen mhux se jintużaw biss għat-92 logħba taż-żewġ kampjonati imma wkoll għal aktar minn 700 sessjoni ta' taħriġ li se jsiru, qabel u waqt il-kampjonati. Il-logo għal dawn il-kampjonati tinkludi l-ittri M u W imdaħħlin f'xulxin. L-ittra M tissimbolizza l-kelma Men u W l-kelma Women. ❮❮



COMITÉ D'ORGANISATION DES JEUX DES ILES

# TIM MALTA JĠIB LURA 5
# MILL-LOGĦOB TAL-COJI















» Il-kontinġent Malti wettaq wieħed mill-aqwa prestazzjonijiet tiegħu fil-Comité d'Organisation des Jeux des Iles (COJI) fi Sqallija, meta l-atleti Maltin ġabu lura lejn Malta tlieta u ħamsin midalja - 10 Deheb, 11 Fidda u 32 Bronż.

Il-kontinġent Malti, li kien magħmul minn sitta u tletin atleta ta' etajiet bejn l-14 u s-16-il sena, ikkompetew ma' 1,000 atleta oħra li rrappreżentaw tnax-il pajjiż - l-Ażores, il-Gżejjer Bleariċi, Corfù, Korsika, Elba, Gujana, Jersey, Madeira, Malta, Martinique, Sqallija u Sardegna.

Malta kisbet midalji fid-dixxiplini kollha li ħadet sehem fihom – L-Atletika, il-Ġinnastika, il-Karate, it-Table Tennis, l-Ibburdjar u l-Għawm.

L-atletika pproduċiet l-ogħla numru ta'midalji tad-deheb, b'7 medalji. Intrebħu wkoll 8 fidda u 4 bronż. Prestazzjonijiet notevoli ġew reġistrati mit-tewmin El Aida Chaffey - Jacob u Omar, b'tal-ewwel jikseb tliet midalji tad-deheb, filwaqt li ħuħ Omar kiseb żewġ midalji tad-deheb u tnejn tal-fidda. Wirjiet notevoli kienu rreġistrati minn Sarah Chouhal li kisbet żewġ midalji tad-deheb f'Relay u l-Hammer, kif ukoll bronż fl-400m. Prestazzjonijiet oħra notevoli ġew irreġistrati minn Alessia Cristina, Rachela Pace u Suzanne Buttigieg fir-relay, meta huma ġabu midalja tad-deheb. L-isforzi ta'Mariah Zahra fid-discus ukoll ġabet midalja oħra tad-deheb għal Malta filwaqt li Kurt Zahra, membru tat-tim rebbieħ tal-midalja tad-deheb ta'relay maskili, irreġistra rekord nazzjonali fit-200m. Zahra huwa l-ewwel atleta Malti U16 li rreġistra ħin taħt it-23 sekonda fit-tellieqa ta' 200m.

Id-dixxiplina tal-għawm ġabet l-ogħla numru ta' midalji, b'żewġ midalji tal-fidda fir-relay u tmintax-il midalja tal-bronż fid-diversi dixxiplini. Minbarra l-midalji mirbuħa, l-għawwiema Maltin rreġistraw ukoll l-aħjar ħin personali kif ukoll riżultati tajbin oħra meta mqabbla ma' dawk ta' xi atleti b'iktar esperjenza. Dan ir-riżultat żgur ser jgħin lill-għawwiema żgħażagħ jimxu l-quddiem u jaspiraw biex itejbu l-livelli tagħhom.

It-tim tat-Table Tennis kiseb sitt midalji tal-bronż permezz tal-isforzi ta' Anthea Cutajar, May Zahra, James Vella Vidal u Conrad Puli. Din hija l-ewwel darba li t-Table Tennis rebaħ midalji f'dawn il-Logħob. It-tim ingħata wkoll it-trofew għat-tielet post globali.

Il-ġinnastika kisbet success fil-Floor, Vault u Beam meta Ella Borg u Rebecca Xuereb kisbu erbà midalji. Tlieta minnhom ġew mirbuħa minn Ella Borg - deheb (Vault), fidda (Beam) u Bronż (Floor), filwaqt li Rebecca Xuereb ħadet Bronż (Beam).

Fil-Karate Joelle Farrugia kisbet deheb f'Kumite filwaqt li Sean Micallef ħa Bronż f'Kata fil-kategorija tal-Kadetti.

# 3 MIDALJA
# "SQALLIJA









**Team Malta Medalji – COJI 2018 Sqallija**

| | Deheb | Fidda | Bronż | Totali |
|---|---|---|---|---|
| Atletika | 7 | 8 | 4 | 19 |
| Ġinnastika | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Karate | 1 | 0 | 1 | 2 |
| Ibburdjar | 1 | 0 | 1 | 2 |
| Għawm | 0 | 2 | 18 | 20 |
| Table Tennis | 0 | 0 | 6 | 6 |
| | 10 | 11 | 32 | 53 |



Fl-Ibburdjar iż-żgħażagħ Richard Schultheis kiseb midalja tad-deheb filwaqt li Saul Vassallo ħa Bronż. Minkejja l-età żgħira tagħhom, iż-żewġ atleti jikkompetu regolarment fuq livell internazzjonali u l-impenn li jmiss ser jkunu il-Kampjonati tad-Dinja tal-IODA.

"Din kienet waħda mill-aqwa snin għal-Malta fil-COJI, mhux biss minħabba il-midalji, miksuba, iżda wkoll minħabba l-fatt li numru ta' rekords nazzjonali ġew miksura u numru t'atleti kisbu l-aħjar ħin personali. Dawn il-Logħob jagħtu introduzzjoni tajba għal kompetizzjonijiet internazzjonali lill-atleti żgħażagħ u promettenti tagħna "spjegat ix-Chef de Mission u d-Direttur tal-Media tal-Kumitat Olimpiku Malti, Maria Vella-Galea. "Aspett ieħor partikolarment sodisfaċenti kien is-sens ta' ħbiberija u l-appoġġ bejn l-atleti Maltin".

Il-Logħob tal-COJI intemmew b'ċerimonja ta'għeluq li saret f'Catania. Malta ngħatat it-Trofew għas-seba' post li nġabret mix-Chef de Mission Maria Vella-Galea li kienet akkumpanjata minn Jacob El Aida Chaffey u Sarah Chouhal, bħala ż-żewġ atleti li kisbu l-aktar midalji.

Sqallija ħadu l-ewwel post, segwiti minn Korsika u l-Gżejjer Baleariċi. ❰❰

**Deheb – 10**

**Atletika**

**Relay (100-200-300-400)** - Daniel Borg Ferrando, Kurt Zahra, Omar El Aida Chaffey, Jacob El Aida Chaffey

**Relay (100-200-300-400)** – Suzanne Buttigieg, Rachela Pace, Alessia Cristina, Sarah Chouhal

**100m** - Jacob El Aida Chaffey

**200m** – Jacob El Aida Chaffey

**400m** – Omar El Aida Chaffey

**Hammer** – Sarah Chouhal

**Discus** – Mariah Zahra

**Ġinnastika** -Ella Borg (Beam)

**Karate** - Joelle Farrugia

**Ibburdjar** - Richard Schultheis

minn: Kenneth Vella

**Logħob tal-FISEC 2018**

# "DEĊIŻI LI F'GENK NAKKWISTAW RIŻULTATI TAJBIN"



**– Bro Martin Borg fsc, Chairman FISEC Malta**




**Il-poster uffiċjali tal-logħob tal-FISEC f'Genk il-Belġju**




**Atleti Maltin li rrappreżentaw lill-pajjiżna s-sena li għaddiet**

» Bejn l-erbatax u l-għoxrin ta' Lulju, f'Genk fil-Belġu se tiġi organizzata is-sebgħin edizzjoni tal-logħob tal-FISEC. Dan hu logħob miftuħ għal studenti minn skejjel kattoliċi minn madwar id-dinja u Malta ilha tieħu sehem fih għal dawn l-aħħar ħamsin sena. Bro Martin Borg fsc, huwa ċ-chairman tal-kunsill Malti tal-FISEC.

Il-logħob tal-FISEC minn dejjem kien ikkunsidrat bħala pjattaforma importanti għall-atleti studenti Maltin. "Fil-fatt, fil-passat, atleti li rrappreżentaw lil Malta f'dan il-logħob spiċċaw ukoll jilgħabu mat-teams nazzjonali jew irrappreżentaw lil gżiritna fuq bażi individwali fix-xena internazzjonali. Bħala chairman tal-kumitat Malti jien kburi li lill-atleti ta' għada qiegħed nagħtuhom esperjenza internazzjonali, jekk mhux l-ewwel esperjenza internazzjonali tagħhom ukoll,"qalli Bro Martin.

Iċ-chairman Malti kkonferma li din is-sena f'Genk, Malta se tkun rappreżentata minn żgħażagħ li se jieħdu sehem fl-atletika u fl-għawm u fil-jiem li ġejjin se jkun finalizzat il-kontinġent kollu. "Hu mistenni li f'Genk se jkun hemm il-fuq minn 900 persuna bejn atleti, coaches u anki uffiċjali. Dawn se jkunu ġejjin minn tmintax –il pajjiż differenti. Il-poplu ta' Genk pajjiżna jafu sew u meta dan l-aħħar żorna din il-belt għal laqgħat uffiċjali biex anki naraw il-faċilitajiet, ma' kull min iltqajna kulħadd issemmilna lill-ex player internazzjonali Malti Carmel Busuttil li mat-team tal-football ta' din il-belt kellu karriera brillanti. Kulħadd jgħidilna sellulna għal Bużu," ikkummenta Bro Martin.

Hu żied jgħid ukoll li l-logħob se jkun qiegħed isir f'faċilitajiet moderni u mill-aqwa u din is-sena l-motto tal-logħob se jkun *Sport connects cultures: one team one spirit*. "Malta minn dejjem kienet sinonima ma' dan il-logħob. Attwalment, wieħed mill-uffiċjali għolja fil-kumitat internazzjonali hu Malti, Lawrence Fenech. Fil-passat okkupaw rwoli importanti wkoll uffiċjali oħra Maltin bħal Louis Borg, Julie Bajada, Gianfranco Selvaggi u Carmen Carabott. Barra dan Leonard Falzon u Alfred Cachia kull sena jkunu wkoll responsabbli direttament fl-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-basketball u l-għawm rispettivament," qal Bro Martin.

Finalment Bro Martin Borg fsc irringrazzja lill-assoċjazzjonijiet sportivi Maltin, lill-ġenituri, lil Sport Malta u lis-Segretarju Parlamentari għall-Isport Dr Clifton Grima li flimkien ma' Dr Chris Bonett qiegħed jagħtu kull appoġġ lill-kumitat Malti tal-FISEC bħal kif għamlu uffiċjali u politiċi oħra fil-passat. "L-appoġġ u l-interess speċjali li qiegħed jieħu l-Onorevoli Grima fl-inizjattivi tagħna huwa apprezzat u ta' min ifaħħru," ikkonkluda Bro Martin Borg fsc. «

minn: Kenneth Vella

# "Ir-rebħ tal-Elitloppet minn Ringostarr Treb hija esperjenza indimentikabbli" – Marco Scarton sid iż-żiemel






Il-Ħadd 27 ta' Mejju fil-korsa ta' Solvalla fi Stokkolma fl-Iżvezja saret l-edizzjoni ta' din is-sena tal-famuża Elitloppet, kompetizzjoni fuq żewġ heats fuq distanza ta' mil, bl-ewwel erba' żwiemel minn kull heat jgħaddu għall-finali li saret fl-istess jum. Għal darba oħra din is-sena reġa falla milli jirbaħ il-popolari u favorit Bold Eagle, filwaqt li r-rebħa marret għand it-Taljan Ringostarr Treb.

Ħafna stennew li l-ewwel heat kienet se tkun iddominata minn Bold Eagle ta' Franck Nivard. Madanakollu dan biddel il-pass fl-ewwel battuti tat-tiġrija u safa' skwalifikat. Wieħed irid jgħid li l-bidu tat-tiġrija ngħata wara żewġ tluqjiet ħżiena, dewmien li żgur wassal biex Bold Eagle jitnervez u jitlef il-forma. Intant ir-rebħa marret għand in-Norveġiż Lionel ta' Goran Antonsen, f'medja ta' 1.09.7" u mill-Franċiżi Dreammoko ta' Bjorn Goop u Up And Quick ta' Jorma Kontio. Takethem (Stenn Juul) daħal fir-raba' pożizzjoni. Ir-rebbieħ huwa imħarreġ minn Daniel Reden.

Minn naħa l-oħra t-Taljan Ringostarr Treb (Wim Paal) ma falliex milli jirbaħ it-tieni heat f'medja ta' 1.10.8" u quddiem Propulsion (Orjan Kihlstrom) u Nadal Broline (Ulf Ohlsson). Pastore Bob (Johann Untersteiner) temm warajhom f'dik l-ordni. Ringostarr Treb, iben l-Amerikan Classic Photo, hu preparat minn Jerry Riordan. Kien imiss biss il-finali u għal darba oħra Ringostarr Treb ma fallix. Hu qasam il-linja finali l-ewwel f'medja ta' 1.09" minn Propulsion (Oran Kihlstrom) u Nadal Broline (Ulf Ohlsson). Dreammoko (Bjorn Goop) temm ir-raba' quddiem ir-rebbieħ tal-ewwel heat, Lionel (Goran Antonsen). Bil-ħin irreġistrat, ir-rebbieħ irnexxilu jilħaq ir-rekord tat-tiġrija, dak imwaqqaf minn Timoko s-sena li għaddiet.

Dan kien ir-raba' suċċess ta' Ringostarr Treb f'kompetizzjoni fuq heats u finali fl-istess jum. Dan wara li s-sena li għaddiet rebaħ ukoll l-Isweden Cup u anki l-Gran Premio Citta' Di Montecatini u l-Kampjonat Ewropew f'Cesena. Sportiv fl-aħħar jiem ħa kumment tat-Taljan Marco Scarton, wieħed mis-sidien ta' Ringostarr Treb. Hu qalli li sal-lum għadu emozzjonat u sorpriż bl-aħħar rebħiet taż-żiemel tiegħu. "Hija emozzjoni kbira li tara ż-żiemel tiegħek jirbaħ quddiem pubbliku numeruż ta' madwar 35000 spettatur. Din kienet it-tieni rebħa ta' Ringostarr Treb f'tiġrija ta' grupp wieħed f'temp ta' xahar biss. Ir-rebħ tal-Elitloppet hija ħolma li saret realta', ħolma li dejjem kelli sa minn meta kont żagħżugħ u minn meta bdejt ninteressa ruħi f'dan l-isport," tenna Scarton.

Hu żied jgħid ukoll li meta jiftakar minn fejn beda f'dan l-isport u s-suċċessi tal-aħħar jiem jaqbdu l-bard. "Finalment nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li kienu involuti direttament fis-suċċessi taż-żiemel, fosthom it-trainer Jerry Riordan, is-sewwieq Wim Paal u l-lad taż-żiemel Heli li lil Ringostarr Treb tħobbu qisu binha. Infakkar ukoll li barra s-suċċessi fit-tiġrijiet, l-2018 se tibqa mfakkra wkoll għal suċċess ieħor ta' Ringostarr Treb, dak fil-qasam tat-tagħmir. Dan għax kien impressjonanti n-numru ta' breeders minn diversi pajjiżi Ewropej li din is-sena wżaw liż-żiemel tiegħi għat-tagħmir mad-dwieb tagħhom," ikkonkluda Marco Scarton.

# "BIL-QARI U L-KITBA NISKORJA" ĊELEBRAZZJONI F'TA' QALI











Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu b'kollaborazzjoni mal-Malta Football Association organizzat ċelebrazzjoni għat-tfal parteċipanti tal-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja/ Footballers Read and Write Programme'. Din l-attività saret bħala ringrazzjament u turija ta' apprezzament lil-leaders, l-iskejjel u l-istudenti tax-xogħol siewi u l-impenn li ħadu biex il-programm kien suċċess.

**X'kien il-programm għal ġurnata?**

Il-ġurnata bdiet billi t-tfal mill-iskejjel primarji ta' Birkirkara, il-Belt Valletta, Isla, Ħal Qormi San Bastjan, l-Imġarr, Ħal Safi, San Ġwann, Birżebbuġa u Għajnsielem iltaqgħu filgħodu kmieni f'Ta' Qali u nqasmu f'żewġ gruppi. Iż-żewġ gruppi ħadu sehem f'turnament tal-futbol fuq il-ħaxix tal-grawnds fejn isir it-taħriġ tat-tim nazzjonali tal-futbol u mawra informattiva madwar l-istadium, Ta' Qali.

Is-Sur Alfred Cachia u s-Sur Mark Gatt, li huwa l-kowċ tat-tim



nazzjonali tan-nisa, ħadu ħsieb juru u jispjegaw fid-dettall il-partijiet ewlenin u interessanti tal-istadium. It-tfal kellhom l-opportunità li jżuru s-Sala tal-Konferenzi tas-Centenary Stadium u jidħlu fl-Istadium Nazzjonali Ta' Qali. Huma raw fejn isiru l-intervisti wara l-logħob tal-futbol tal-Premier League u ħarġu fuq il-grawnd fejn jintlagħab il-logħob lokali u l-logħbiet internazzjonali.
Fl-aħħar tal-attività is-Sur David Muscat (kap tal-Aġenzija), il-Professur Charles Mifsud u s-Sur Alfred Cachia qassmu ballun żgħir, ktieb tal-qari u ċertifikat ta' parteċipazzjoni bħala tifkira, lil kull parteċipant/a.

**Kif qed tħossukom issa li l-programm wasal fi tmiemu għal din is-sena skolastika?**
Ninsabu ferm sodisfatti issa li spiċċa l-programm, però l-ikbar sodisfazzjon għalina huwa li naraw it-tfal jieħdu gost u li l-interess tagħhom fil-kotba kiber. Dan narawh mill-fatt li hekk kif bdejna dan it-tielet ċiklu tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" fi Frar 2018, f'bosta skejjel li qed naħdmu magħhom rajna titjib fil-livell tal-qari ta' ħafna mit-tfal parteċipanti. «






# IT-TIMIJIET TAL-BANK

# L-BANCA CUP

» It-timijiet tal-football tal-irġiel u tan-nisa tal-Bank of Valletta komplew bis-suċċess tagħhom meta reġgħu rebħu il-Banca Cup.

It-team tal-irġiel rebaħ il-Banca Cup għad-disa' darba f'10 edizzjonijiet fejn spiċċaw fil-quċċata tal-grupp tagħhom b'żewġ rebħiet konvinċenti kontra MFSA 8-0 u Fimbank 5-1. Rebħa kbira ta' 9-0 kontra HSBC wasslet lill-BOV fis-semi-finali, fejn għelbu lill-BNF Bank 4-2 u għaddew għall-finali. B'rebħa oħra ta' 4-2 fuq KPMG, il-Banca Cup baqgħet għand il-Bank of Valletta.

It-team tan-nisa wkoll żamm it-titlu li kien rebaħ is-sena ta' qabel fl-ewwel parteċipazzjoni tiegħu. Ir-rebħa waslet wara wirjiet kbar kontra Crędorax 8-0, FIMbank 10-0 u KPMG 6-0. Barra li rebħu l-logħbiet kollha tagħhom, rebħu t-tazza mingħajr ma sofrew l-ebda goal.

L-iskwadra maskili tal-BOV kienet magħmula minn Mark Marlow, Dylan Lee Ianti, Keiran Xuereb, Ian Darmanin, Ryan Darmanin, Andrè Cassar, Ryan Schembri, Chris Vella, Kyle Frendo u Andrew Scerri taħt it-tmexxija tal-coach Frans Cassar.

Min-naħa tan-nisa, l-iskwadra kienet komposta minn Charlene Cilia, Antoinette Grech, Danielle Cuschieri, Iona Agius, Ylenia Carabott, Joanne Cutajar, Charlotte Spiteri u Maggie Cutajar taħt il-gwida tal-coach Stephen Mizzi.«






# VALLETTA JIRBHU



# IS-SWIEQ TAT-TRASFE[R]
# U L-UNJONI EWROPEA

**minn James Azzopardi**







» Is-suq tat-trasferimenti ta' plejers f'bosta sports madwar id-dinja f'dawn l-aħħar snin żviluppa b'mod kumpless u f'xi każi sar jinvolvi ammonti kbar ta' flus li sar sinonimu ma' fatturi legali u ekonomiċi. Fost dawn, il-futbol żgur li hu wieħed mill-akbar swieq ta' trasferimenti fid-dinja tal-isport. It-trasferiment tal-plejers fil-futbol huwa ta' bilħaqq settur ekonomiku u legali relattivament uniku u kumpless, propju minħabba d-diffikultajiet biex issir distinzjoni bejn kwistjonijiet sportivi u ekonomiċi.

Fil-fatt, filwaqt li r-regoli u r-regolamenti tal-għaqdiet sportivi huma mfassla biex jippreservaw l-ekwità u s-sens kompetittiv, il-volum u l-livell tal-ammonti tat-trasferimenti għandhom konsegwenzi ekonomiċi sinnifikanti fuq il-klabbs.

Wieħed jista' josserva ċertu tendenzi u karatteristiċi partikolari relatati mal-iżvilupp tas-suq tat-trasferimenti nnifsu, fosthom l-ammont ta' flus li qed jirċievu u jonfqu l-klabbs. Għaldaqstant, f'Marzu ta' din is-sena, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat studju dwar l-implikazzjonijiet ekonomiċi u legali tas-swieq tat-trasferimenti fl-UE (*An update on change drivers and economic and legal implications of transfers of players: Final Report to the DG Education, Youth, Culture and Sport of the European Commission*).

L-għan ta' dan ir-rapport, li hu kontinwazzjoni ta' rapport preċedenti li sar fl-2013, kien li janalizza l-iżviluppi tas-suq tat-trasferimenti mill-2013 f'termini ta' xejriet ekonomiċi u l-evoluzzjoni legali. L-istudju ġie kkummissjonat f'Ottubru 2017 mid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura tal-Kummissjoni Ewropea (u mwettaq minn żewġ organizzazzjonijiet tar-riċerka, KEA u Ecorys).

Ir-rapport preċedenti kien sab li t-tariffi tat-trasferiment kibru fuq seba' darbiet bejn l-1995 u l-2011, filwaqt li n-numru ta' plejers trasferiti żdied b'aktar minn tliet darbiet matul l-istess perjodu. Ir-rekord tal-ħlas għal trasferiment ġie miksur tliet darbiet mill-2013, bl-akbar trasferiment reġistrat ikun dak ta' Neymar mingħand Barċellona għal Paris Saint German għas-somma rekord ta' €222 miljun fis-sajf tal-2017. Aktar importanti minn hekk, il-valur totali tat-trasferimenti huwa stmat li laħħaq il-€5.9 biljun għall-akbar ħames kampjonati fl-2017.

Xhieda ta' dan hu l-fatt li, skont ir-rapport, id-dħul tal-klabbs u l-ammonti li jifilħu jħallsu fis-suq dejjem qiegħed jiżdied,

# IMENTI

speċjalment fil-klabbs membri tal-UEFA. Din ix-xejra ilha għaddejja bla interruzzjoni matul dawn l-aħħar għaxar snin, b'żieda ta' 80% bejn l-2006/2007 u l-2015/2016.

Id-dejla tad-dħul mill-ħames kampjonati l-kbar fl-Ewropa (Premier League, La Liga, Bundesliga, Serie A u l-Ligue 1) turi li l-parti l-kbira tat-tkabbir qed tiġri fl-Ingilterra, bid-dħul tal-Premier League jirdoppja f'dawn l-aħħar għaxar snin, filwaqt li l-erba' kampjonati l-oħra jikbru b'pass aktar bil-mod.

Dan it-tkabbir ekonomiku tal-ħames kampjonati l-kbar huwa dovut għaż-żieda tad-drittijiet tat-TV. Id-dħul li ġej mid-drittijiet tax-xandir irdoppja sew, b'ammont ta' €8.518 biljun fl-2017/2018 meta mqabbel mal-€4.238 biljun fl-2011/2012.

Ir-rapport iħares ukoll lejn il-qafas u l-istrutturi legali li hemm fis-settur tat-trasferimenti, b'dak ewlieni jkun l-UEFA Club Licensing and Financial Fair Play (FFP) li tant nisimgħu bih. Dawn ir-regoli kienu mfassla fl-2010 mill-UEFA u jitolbu lill-klabbs li jkunu se jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet kontinentali Ewropej biex jagħtu prova li ma għandhomx dejn ma' klabbs oħra, lejn il-plejers tagħhom u lejn l-awtoritajiet soċjali jew tat-taxxa tal-pajjiż.

Fl-2012, l-UE laqgħet l-introduzzjoni tal-FFP u saħansitra ffirmat dikjarazzjoni konġunta mal-UEFA. Barra minn hekk, f'każ interessanti, fl-2015 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ġġudikat ilment ta' aġent tal-futbol kontra l-FFP u l-emendi li sarulha fl-istess sena.

Is-sentenza tal-Qorti kienet waħda ċara u saħansitra saħqet li l-ilment hu inammissibbli ('manifestly inadmissible').

Ir-riċerka għarfet ukoll diversi problemi, fosthom dawk li jissejħu bridge transfers. Din il-proċedura generalemnt tinvolvi t-trasferiment ta' plejer bejn tliet klabbs: il-klabb tas-sors (li jappartjeni għalih il-plejer), il-bridge club (fejn il-plejer se jkun għal perjodu ta' żmien) u l-klabb 'finali' (fejn se jiġi trasferit il-plejer). Ċertu klabbs iħaddnu din il-proċedura kontra l-etika sportiva biex jevitaw ċertu spejjeż. Fl-2014, għall-ewwel darba, il-FIFA ssanzjonat ħames klabbs (Institución Atlética Sud América (Urugway) u IA Central Córdoba, CA Independiente, Racing Club u CA Rosario Central (Arġentina) minħabba każijiet ta' bridge transfers.

Ir-rapport jinkludi wkoll tmien suġġerimenti għat-titjib tal-politika fl-isport. Fosthom, ir-riċerkaturi inkoraġġew id-djalogu soċjali bħala mezz ta' kif wieħed jista' jamalgama l-etika fis-suq tat-trasferimenti ma' dan is-settur. Suġġeriment importanti ieħor kien il-bżonn ta' aktar trasparenza fis-suq innifsu. Ir-rapport jargumenta li n-nuqqas ta' trasparenza qed jaffettwa aspetti importanti bħall-integrità, u għaldaqstant ir-riċerkaturi jissuġġerixxu li l-pubbliku jkollu aċċess għal aktar dejta, speċjalment minn naħa tal-assoċjazzjonijiet tal-futbol nazzjonali rigward kull trasferiment li jsir. Suġġeriment ieħor kien l-introduzzjoni ta' taxxa fuq trasferimenti li jammontaw għal ċertu ammont ta' flus.

Suġġeriment importanti ieħor hu dak li jinvolvi l-minuri. Ir-rapport jagħraf kif fl-UE (u l-Ewropa inġenerali) jitħaddnu diversi liġijiet rigward plejers żgħar. Ir-riċerkaturi jissuġġerixxu djalogu fuq dan is-settur tal-futbol billi reġgħu enfasizzaw l-importanza tad-djalogu soċjali fl-Ewropa u l-opportunità li joffri biex jiġu analizzati b'mod aħjar is-sistemi differenti applikati f'kull pajjiż.

Minkejja li l-UE m'għandhiex il-kompetenza mill-Istati Membri li tgħaddi liġijiet fis-settur tal-isport, aspetti bħal dawn u bħal-laqgħa annwali tal-EU Sport Forum, juru kemm l-UE tista' tkun punt fejn permezz tad-djalogu u r-riċerka l-isport jingħata l-importanza li ħaqqu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea ikkummissjunat diversi rapporti bħal dan u oħrajn li jitrattaw diversi setturi tal-isport, fosthom dak tas-saħħa u l-ħiliet li tista' toffri l-attività fiżika lil kull min jipprattikaha.



# QORMI FOOTBALL GROUND




Qormi Football Ground






9 Ball Cafe Qawra

» Għat-tielet sena konsekuttiva Qormi Football Ground kisbu r-rebħ tat-titlu nazzjonali tal-kampjonati Premier organizzati mill-Malta Pool Association. F' finali mill-aktar eċċitanti t-tim Qormi għeleb lit-tim ta' Senglea Bocci Club bl-iskor ta' 10-9. Bl-iskor ta' 9-9 kellu jkun il-frame deċiż li ta r-rebħa lit-tim ta' Qormi Ground bil-player captain tagħhom Anton Cuschieri jikklerja l-mejda mal-ftuħ. It-tim rebbieħ kien kompost minn Jurgen Attard, Wayne Bonnici, Clayton Attard, Anton Cuschieri, Miguel Falzon, Claudio Cassar, Mario Cutajar u Ryan Pisani.

F' finali oħra mill-aktar eċċitanti 9 Ball Café Qawra għelbu lil Trust Pub Zejtun 10-9 u ġew inkurunati champions ta' l-Ewwel Diviżjoni. Kien il-player Warren Attard li kiseb ir-rebħa fil-'frame' deċiżiv li ta t-titlu lit-tim mill-Qawra. It-tim ta' 9 Ball Café kien kompost minn Joseph Psaila, Warren Attard, Ivan Bonello, Jason Grima, Marlon Bugeja, Tony Zahra, Ranier Felice, Matthias Mallia u John Zammit. Flimkien mat-timijiet ta' 9 Ball Café u Trust Pub ġew promossi wkoll għall-kampjonati Premier it-timijiet ta' St. George's Band Club u Zejtun Corinthians FC.

Hamrun Liberty huma r-rebbieħa tal-kampjonati tat-tieni

# CHAMPIONS NAZZJONALI


Hamrun Liberty


St Catherine BC Zurrieq

diviżjoni meta fil-finali għelbu lil Splendid Bar Qormi bl-iskor ta' 10-8. F'logħba kumbattuta sa' l-ahhar it-tim Hamruniż irkupra żvantagg ta' ħames frames u bir-rebħ ta' l-aħħar tliet logħbiet konsekuttivi issiġilla r-rebħ tat-titlu tad-diviżjoni. It-tim rebbieħ ta' Hamrun Liberty kien kompost minn Wilfred Brincat, Gaetano Fauizza, Joseph Grima, Dylan Cauchi, Clint Azzopardi, Shannon Cauchi, Liam Cauchi, Dylan Cassar, Jason Agius, Gaetan Spiteri, Silvano Fenech, Milenco Magri u Antonio Bigeni. It-timijiet ta' Ħamrun Liberty, Splendid Bar Qormi, The Hatch Bar Mgarr u Espadon Bar Tarxien ġew promossi għall-Ewwel Diviżjoni.

Il-kampjonati tat-Tielet Diviżjoni ġew mirbuħa mit-tim tal-Każin Banda Santa Katarina Żurrieq meta fil-finali għelbu lil PL Fgura bl-iskor ta' 10-8. Kif juri r-riżultat il-loghba baqgħet indeċiża sa' l-aħħar bit-tim Żurrieqi jikseb l-aħħar frame tal-loghba u jikseb it-titlu fid-debutt tiegħu. It-tim rebbieħ kien kompost minn Stephen Farrugia, Wayne Farrugia, Francis Mangion, Jesmond Micallef, Stanley Domenici, Jonathan Vella, Giacomo Farrugia, Patrick Attard, Gaetano Mallia, Sandro Borg, Arthur Cachia u Anthony Axiaq. Barra t-timijiet tal-Każin Banda Santa Katarina Żurrieq u PL Fgura ġew promossi wkoll għat-Tieni Diviżjoni t-timijiet ta' Każin Banda Żejtun u Cospicua Dynamos FC.




minn Joe Bajada

# VICTORIA HOTSPURS IĊ



» Victoria Hotspurs huma ċ-champions il-ġodda tal-football Għawdxi meta spiċċaw iddominaw kompletament dan is-67 kampjonat tal-ewwel diviżjoni tal-GFA. Hotspurs immexxija mill-president Dr. Anton Tabone, investew bis-sħiħ fejn kisbu l-aħjar servizzi ta' players biex għamlu tim mill-iktar kompatt u kompetittiv. Taħt il-kowċ Gotthard Conti huma prattikament spiċċaw matematikament champions mal-bidu tat-tielet rawnd fejn spiċċaw bi 18-il punt vantaġġ fuq ir-runners-up Nadur. Victoria Hotspurs irnexxielhom jiksbu 19-il rebħa minn 21 partita. Dan il-vantaġġ kbir ta' punti jikkonferma s-supremazija qawwija li gawdew ir-Rabtin matul dan il-kampjonat storiku, it-12-il wieħed fl-istorja glorjuża tagħhom biex saru wkoll l-iktar klabb Għawdxi li rebaħ it-titlu ta' champions. Anke l-fatturi pożittivi tal-aħjar attakk (medja ta' 3 gowls f'kull partita), l-aħjar difiża, l-iktar numru ta' rebħiet u l-inqas telfiet (waħda biss kontra Għarb), kif ukoll li l-attakkant tagħhom Elton Da Silva spiċċa l-aqwa skorer tal-kampjonat b'19 -il gowl, jikkonfermaw dan kollu. Ma' dawn inżidu wkoll li ż-żagħżugħ attakkant Christian Mercieca li ntagħżel bħala l-Aħjar Player tal-GFA, kif ukoll kien mgħajjat mill-kowċ Silvio Vella biex jifforma parti mit-tim Nazzjonali ta' taħt il-21 sena. Anke sieħbu, id-difensur Ferdinando Apap kien imsejjaħ mill-kowċ Ray Farrugia fejn anke iddebutta mat-tim Nazzjonali tal-kbar fil-partita ta' ħbiberija kontra l-Armenia 1-1.

Victoria Hotspurs irnexxielhom ukoll jakkwistaw double f'dan l-istaġun mill-iktar pożittiv għalihom meta bi tliet gowls fit-tieni taqsima, irnexxielhom idawwru telfa f'rebħa ta' 3-1 fil-finali kontra Għajnsielem biex kisbu n-KO tal-ewwel diviżjoni għall-ewwel darba.

Sfidanti sa ċertu punt għal Hotspurs kienu Nadur Youngsters u Xewkija Tigers li spiċċaw fiż-żewġ postijiet ta' warajhom. Ta' sodisfazzjon għal Xewkija kien li rebħu ż-żewġ unuri l-oħra meta fil-finali tat-28 edizzjoni tas-Super Cup, għelbu lil Għajnsielem bl-iskor ta' 2-1 f'partita li tat bidu għall-istaġun u mbagħad Xewkija spiċċaw dan l-istaġun kif bdew, b'rebħ ta' unur ieħor meta reġgħu għelbu lil Għajnsielem bl-istess skor fil-finali tal-BOV GFA Cup, finali li kienet deċiża fl-aħħar minuta tal-ħin barrani.

Għajnsielem u Kerċem Ajax spiċċaw fir-raba' u l-ħames post. Għal Blacks dan kien staġun tajjeb meta anke spiċċaw telliefa fi tliet finali. Fis-sitt pożizzjoni tal-klassifika tal-Kampjonat tal-ewwel diviżjoni spiċċaw il-promossi ta' Għarb Rangers li ssorprendew bil-logħob qalbieni tagħhom u kienu l-uniċi li taw telfa liċ-champions Rabtin. Fl-aħħar żewġ pożizzjonijiet spiċċaw iż-żewġ timijiet Rabtin ta' SK Victoria Wanderers li salvaw posthom fl-ewwel diviżjoni wara li rebħu d-decider kontra Sannat Lions, runners-up tat-tieni diviżjoni. Oratory Youths sfaw relegati għat-tieni diviżjoni wara ħames staġuni mal-kbar.

# -CHAMPIONS IL-ĠODDA

**Sportiv** ħa l-kummenti tal-kowċ ta' Victoria Hotspurs, Gotthard Conti. Mistoqsi dwar kemm kien kampjonat diffiċli għalihom, huwa qalilna,"Bla dubju kull rebħ ta' kampjonat ikun diffiċli, xejn ma jiġi b'xejn pero' aħna għamilnih faċli bid- determinazzjoni, l-għaqda u xogħol siewi li ppreparajna". Staqsejnih ukoll dwar kemm kien fiduċjuż f'dawn is-suċċessi u x'jaħseb li wassal għal dan, huwa rrispondiena, "Minn meta bdejna nibnu t-tim, naturalment kelli fiduċja assoluta fil- players li ġibna flimkien ma' dawk li diġa kien hemm u għalhekk l-isperanza minn dejjem kienet hemm. Naturalment minn kif żvolġa l-kampjonat meta r-riżultati bdew ġejjin, il-fiduċja li nibqu għaddejjin b'mod pozittiv kibret ukoll. Bla dubju x- xogħol li għamilna flimkien sarraf u ta l-frott. Ovvjament ir-rebħ tad-double huma ta' sodisfazzjon kbir għax ifisser li l-ħidma tagħna flimkien wasslet għal premju mistħoqq. Dwar kemm kien differenti dan il-kampjonat minn dawk preċedenti, kif ukoll x'kienu l-ikbar problemi li ltaqgħu magħhom, Conti qalilna, "dan il-kampjonat kien xi ftit differenti għax intrebaħ kmieni aktar mis-soltu u mill-bqija kollox kien l-istess. Pero' kien differenti għas-supporters u l-kumitat ta' Victoria Hotspurs għaliex intlaħaq rekord. Aħna ma tantx iltqajna ma' problemi għaliex kollox mexa kif pjanat u kull persuna tal-kumitat ħadem direttament fuq xogħlu, kif ukoll kull player ħadem għal għan wieħed. Naturalment li m'għandniex grawnd tagħna toħloq xi ftit ta' inkonvenjent pero' la ma għandniex kontroll tas-sitwazzjoni, ma hemm xejn x'tirranġa, speċjalment fi żmien hekk qasir".

Dwar il-ħsibijiet tiegħu tal-football Għawdxi, kif ukoll kemm personalment jaħseb li l-klabbs Għawdxin jifilħu li jonqfu daqstant flus biex jingaġġaw dawn il-players kollha barranin magħhom, huwa qalilna, "il-livell tal-football Għawdxi għola mingħajr dubju. L-introduzzjoni ta' erba' barranin għolla l-livell għaliex il-players lokali adattaw u għollew l-impenn tagħhom għar-raġuni li qegħdin dejjem jilgħabu ma' players xi ftit aħjar kemm flimkien u kemm kontra. Is-sostenibbilta' tal-klabbs hija xi ftit diskutibbli u mhux faċli li jintefqu ħafna flus għal tul ta' żmien. F'din is-sitwazzjoni min ikollu in-nursery tiegħu igawdi xi ftit aktar għax jista jkollu prodott tiegħu, kemm jekk iżommu kif ukoll jekk ibiegħu. Però bħal kull parti fid-dinja biex iżomm tim ta' ċertu livell trid tonfoq aktar biex tattira u tkun kompettitiv".

Dwar x'jaħseb li għandu jinbidel fil-football Għawdxi, kif ukoll jekk jaħsibx li t-timijiet Għawdxin jikkompetu fil-kampjonati Maltin bħal ma attwalment qed jagħmlu fl-FA Trophy tal-MFA, huwa żied iweġibna, "affarijiet x'jitranġaw dejjem ikun hemm. L-importanti li d-deċiżjoniet li jsiru, jsiru għal tul ta' żmien u mhux jinbidlu wara sena jew sentejn. Minbarra hekk il-ħames barrani (għax kulħadd ikollu l-ħames wieħed) għandu jkun fuq il-bank sabiex ikun jista jidħol minflok barrani ieħor. Għaliex mhux faċli u prattiku li l-klabb ikollu barrani li jkun mas-supporters. Huwa sabiħ li tim Għawdxi jikkompeti fl-FA Trophy ta' Malta. Infatti kienet suċċess kbir. Dan l-aħħar ħafna timijiet avvanzaw u li kieku kellhom polza aktar faċli kienu javvanzaw aktar. Fil-kampjonat Malti ma naqbilx għax dan ikun it-tmiem tal-kampjonat Għawdxi, kif ukoll ħafna problemi oħra ta' finanzi, sostenibilta' u skariġġ għat-timijiet involuti".

Finalment dwar personalment x'jagħtih il-football f'dan ir-rwol ta' kowċ u jekk għall-istaġun li ġej, hux ser jerġa jkun qed tmexxi lit-tim Rabti, Gotthard Conti weġibna,"ir-rwol ta' kowċ jagħtini sodisfazzjon għaliex il-football huwa parti minn ħajti. Ilni tant żmien fil-football u bħalissa għandi wkoll it-tfal. It-taħriġ fiżiku huwa wkoll f'demmi. Iva għall-istaġun li ġej ser nerġa nkun parti mill-familja kbira u qalbiena ta' Hotspurs. Fejn nippruvaw nibqu nibnu fuq li bnejna u nissodaw dak kollu pożittiv li wettaqna. Nispiċċa biex niddedika dan ir-rebħ tal-kampjonat lill-familja tiegħi għaliex mingħajr is-support intern, kemm morali kif ukoll verbali xejn ma jkun possibbli". ❰❰

Kif spiċċaw fit-I Divizjoni
Victoria Hotspurs champions
Oratory Youths relegati
SK Victoria W żammew posthom b'rebħa ta' 2-0 fid-decider kontra Sannat Lions

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Victoria Hotspurs FC | 21 | 19 | 1 | 1 | 63 | 15 | 58 |
| Nadur Youngsters FC | 21 | 13 | 1 | 7 | 55 | 39 | 40 |
| Xewkija Tigers FC | 21 | 10 | 2 | 9 | 45 | 37 | 32 |
| Ghajnsielem FC | 21 | 7 | 6 | 8 | 30 | 41 | 27 |
| Kerċem Ajax FC | 21 | 7 | 5 | 9 | 34 | 50 | 26 |
| Gharb Rangers FC | 21 | 6 | 4 | 11 | 28 | 41 | 22 |
| SK Victoria Wanderers | 21 | 5 | 4 | 12 | 35 | 47 | 19 |
| Oratory Youths FC | 21 | 3 | 5 | 12 | 28 | 48 | 14 |

**Ċerimonja tal-ftuħ**

# JISPIKKAW ROBBIE WILL[...] RONALDO U N-NUMRU 4

## JINTUŻAW GĦALL-EWWEL DARBA IL-VAR U L-GLT




» Fl-ewwel jiem tal-finali tal-31 edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja li qed tintlagħab fir-Russja spikkaw żewġ persunaġġi u numru konness magħhom. Intużaw ukoll għall-ewwel darba f'finali tat-Tazza tad-Dinja, il-VAR (Video Assistant Referee) u GLT (Goal Line Technology). Il-kantant Ingliż Robbie Williams u l-player Portugiż Cristiano Ronaldo spikkaw bla qies. Magħhom spikka wkoll in-numru 4 u dan għaliex Williams li kien il-personaġġ ewlieni fiċ-ċerimonja tal-ftuħ liebes l-aħmar, ikanta wħud mill-aqwa kanzunetti tiegħu. Għandu 44 sena u Ronaldo bil-hattrick li skorja kontra Spanja sar ir-raba' player fl-istorja tat-Tazza tad-Dinja li lagħab f' erba' edizzjonijiet tat-Tazza tad-Dinja u sar wieħed minn erba' players li għamel dan.

Fiċ-ċerimonja tal-ftuħ ipparteċipaw żewġ players oħra leġġendi li t-tnejn rebħu t-Tazza tad-Dinja. Il-goalkeeper Spanjol Iker Casillas li daħħal it-Tazza tad-Dinja fil-Luzinki Stadium ta' Moska qabel il-logħba tal-ftuħ u l-Brażiljan Ronaldo li akkumpanja tfajjel bjond Russu. Imma fuq kollox mill-ewwel logħbiet tal-ewwel parti spikkat il-logħba Spanja kontra Portugal li minbarra li kienu skurjati fiha sitt goals, seħħ xi ħaġa oħra fenomenali. Ronaldo bla dubju l-aqwa player tad-dinja skorja hat-trick. Ta' 33 sena, Ronaldo hu l-akbar player li skorja hat-trick fil-finali tat-Tazza tad-Dinja.

It-tielet goal minn free-kick li bih għamel l-iskor 3-3 fit-88 minuta kien l-aktar spettakolari fosthom. It-tliet goals li skorja Ronaldo f'din il-logħba jieħdu dimensjoni akbar għax skurjahom kontra l-aqwa goalkeeper tad-dinja David De Gea ta' Spanja

AMS,



u Man Utd. Fis-siegħat ta' qabel il-logħba ħa l-aħbar li kien weħel sentejn ħabs sospiżi u multa ta' 6.5 miljuni talli ffroda d-Dipartiment tat-taxxa tal-Gvern Spanjol.

It-tliet players l-oħra li lagħbu f'erba' edizzjonijiet tat-Tazza tad-Dinja u skurjaw f'kull edizzjoni huma l leggendarju Brażiljan Pele u l-Ġermaniżi Uwe Seeler fis-snin sittin u Miroslav Klose fis-Snin 2000. Fl-ewwel logħbiet li ntlagħbu sa issa din il-kompetizzjoni laħqet kull aspettattiva li din hi l-aqwa kompetizzjoni tad-dinja tal-futbol.

Iċ-champions Ewropej il-Portugall u sa ċertu punt l-Ingilterra huma timijiet ukoll meqjusa outsiders li jistgħu jirbħu din il-kompetizzjoni.

## VAR U GLT

Mumenti storiċi fl-Istadium ta' Kazan fil-logħba Franza vs Awstralja li ntlagħbet is-Sibt 16 ta' Ġunju. F'din ir-rebħa ta' 2-1 għal Franza intużaw il-VAR u l-GLT. Il-VAR intuża fis-57 minuta meta Joshua Risdon iffawlja lil Antoine Griezmann, fawl li għall-ewwel ir-referee mill-Urugwaj ma ggudikahx li kien fawl. Ta l-penalty Griezmann li skorja l-ewwel goal tiegħu fil-finali tat-Tazza tad-Dinja u l-20 wieħed tiegħu bil-flokk blu ta' Franza.

Żewġ minuti minn tmiem din il-logħba intużat ukoll il-Goal Line Technology blex kien deċiż li l-ballun minn xutt ta' Pogba, qabeż il-linja tal-goal li niżel mal-art wara li ħabat mal-mimduda. F'din il-logħba daħal bħala sostitut il-player Daniel Arzani li ta' 19 -il sena hu l-iżgħar player f'dawn il-finali.

# KOMPETIZZJONI MIM



# IJA EMOZZJONI







## Statistika oħra

Statistika oħra interessanti marbuta ma' din it-Tazza tad-Dinja li qed tintlagħab għall-ewwel darba f'pajjiż mill-Ewropa tal-Lvant hu l-fatt li Didier Deschamps sar it-tielet persuna li lagħab u kien kowċ f'din it-Tazza tad-Dinja. L-oħrajn kienu Mario Zagalo tal-Brażil u Franz Beckenbauer tal-Ġermanja li t-tnejn rebħu wkoll it-Tazza tad-Dinja bħala players u kowċis.

Fost id-debuttanti fil-finali tar-Russja hemm l-Islanda li huma l-iżgħar pajjiż fost it-32 finalista b'popolazzjoni ta' 350,000 persuna, madwar 100,000 inqas mill-popolazzjoni ta' Malta.. Din se tkun l-ewwel finali għal dan it-tim Skandinavu wara li kien wasal sal-kwarti tal-finali tal-Euro 2016. L-Islanda biex waslu għal dawn il-finali rebħu l-grupp ta' kwalifikazzjoni li lagħbu fih u saħansitra spiċċaw anki quddiem il-Kroazja.

Sal-final ta' din it-Tazza tad-Dinja li se tintlagħab il-Ħadd 15 ta' Lulju f'Moska iridu jintlagħbu 64 logħba qabel imbagħad il-ballun ikun ixxuttjat għall-edizzjoni tal-2022 li se ssir fil-Qatar u issa nafu wkoll li waqt l-aħħar tal-FIFA li sar f'Moska l-edizzjoni tal-2026 se ssir fi tliet pajjiżi ġirien, l-Istati Uniti li diġa' organizza l-edizzjoni tal-1978, il-Messiku li organizza l-edizzjoni tal-1970 u l-Kanada. U bil-ħaqq mill-edizzjoni tal-2022 il-finalisti minn 32 se jiżdiedu, skont ix-xewqa tal-President tal-FIFA Gianni Infantino li wera x-xewqa li se jikkontesta term ieħor fil-kariga ta' President tal-FIFA . ❮❮

# HIBERNIANS JUMILJAW LIL FLORIANA

**L-EWWEL ĠURNATA (TKOMPLI)**

**18-10-1964:**
**Hibernians FC – Floriana FC 6-0**
**H.T 4-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: F. Delia (H) 1', V. Cassar (H) 22' u 35', F. Delia (H) 43', J. Privitera (H) 52' u V. Cassar (H) 77'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Michael Zammit, Edward Darmanin, Louis Theobald, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Tony Griffiths, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Freddie Delia, Norman Buckle.

**Floriana FC**: George Borg (Charles Vella 46'), Lolly Debattista, Tony Sammut, Joe Fava, Derek Iles, Edward Azzopardi, Leslie Agius, Lolly Aquilina (Lolly Borg 46'), Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Hugh Caruana, Twanny Sultana.

1. Floriana għamlu użu minn tliet goalkeepers iżda xorta ma setgħux iwaqqfu x-xita ta' goals kontra. Charles Vella issostitwixxa lil George Borg fi tmiem l-ewwel taqsima filwaqt li lejn it-tmiem l-attakkant Tony Cauchi daħal bejn il-lasti meta l-goalkeeper Vella weġġa' wara li ħareġ fuq Victor Cassar u ttieħed l-isptar.

2. Il-partita ntlagħbet taħt xita kontinwa.

3. Il-goalkeeper George Borg, li kien għadu kemm mar Napli mat-team Malti għal Logħob tal-Mediterran, kien ġie akkwistat mingħand Melita. Barra minn hekk, Floriana akkwistaw ukoll lil Ronnie Theobald u Mario Azzopardi (ħu Edward) mingħand Hibernians, Tony Degiovanni mingħand Zejtun Corinthians, Leslie Agius minghand Rabat FC u Hugh Caruana li fl-istaġun ta' qabel kien ma' Gżira United li rebħu l-promozzjoni għal mall-kbar. Gżira kienu għamluha diffiċli lil Caruana biex jitlaq tant li ma riedux jiffirmawlu l-clearance certificate minħabba li sostnew li Hugh Caruana kien tħallas £28 u għaxar xelini minkejja li kien irreġistrat bħala amateur. Fit-8 ta' Settembru Hugh Caruana ffirma bħala professional ma' Floriana.

4. Floriana ma setgħux jagħmlu użu mill-goalkeeper Nenu Fabri u l-players Żarenu Alamango, Joe Grima u Freddie Vella James li kollha kienu jinsabu fi Tripli fuq servizz mar-Regiment. Minn naħa tagħhom anke Hibernians kellhom lil Sunny Anastasi msiefer mal-Armata. Fil-verità Hibernians kienu ser ikellmu lill-uffiċjali tas-servizz Ingliż biex jittardjaw it-tluq ta' Anastasi b'jumejn ħalli jkun jista' jilgħab f'din il-partita iżda meta l-league ttardja b'ġimgħatejn biex jibda minħabba l-impenji ta' Valletta fit-Tazza tat-Tazzi, il-Pawlisti abbandunaw il-pjan tagħhom.

5. Floriana FC kienu taħt il-gwida taż-żewġ players veterani tagħhom Lolly Borg u Lolly Debattista.

6. Pullu Demanuele kien nieqes mit-team Furjaniż meta kienu għaddejjin negozjati biex isieħeb lil Marsa fit-Tieni Diviżjoni. Fil-fatt it-trasferiment seħħ ftit ġranet wara u Demanuele ddebutta ma' Marsa fit-18 t'Ottubru 1964 fit-tieni partita tal-kampjonat kontra Qormi (1-0). Demanuele, li kien ilu 16-il sena ma' Floriana, sieħeb lil Marsa bħala player-coach wara li kien ilu jikkowċjahom mix-xahar ta' qabel. Players oħra Furjaniżi li sieħbu clubs tat-Tielet Diviżjoni kienu Roy Swift li sieħeb lil Balzan Youths u Eddie Bonett li sieħeb lil Zurrieq.

7. Hibernians tilfu s-servizzi tal-player tagħhom Leli Attard 'L-Għawdxi' li emigra lejn il-Kanada u ta' Silvio Debattista li ġie trasferit lil Siġġiewi fit-Tielet Diviżjoni fejn iddebutta b'hattick fir-rebħa ta' 3-2 kontra St. Joseph FC. Minn naħa l-oħra huma akkwistaw lil Edward Darmanin mingħand St. George's, liż-żagħżagħ Tony Cini u Emmanuel Pace mill-Minors ta' Little Rainbows, filwaqt li kellhom lura mal-ewwel ħdax lill-goalkeeper Freddie Mizzi u lil Louis Theobald li kienu rranġaw id-differenzi mall-club wara li t-tnejn ma kienux niżlu iktar għal-logħob fit-tieni round tal-istaġun ta' qabel wara t-telfa kontra Floriana (3-1). Valletta kienu wrew interess fi Freddie Mizzi iżda n-negozjati fallew.

8. Ġimgħa wara, fit-23 t'Ottubru 1964, ir-referee ta' din il-partita Joe Cassar Naudi, ikkontrolla l-ewwel leg tad-decider tal-league Libjan bejn El Ahli Champions ta' Tripli u El Ahli Champions ta' Benghazi biex jiġi stabilit iċ-champion nazzjonali tal-Libja.

9. Diġa kien hemm indikazzjoni tad-djugħfija tat-team Furjaniż meta fi friendly ta' qabel il-kampjonat fl-20 ta' Settembru 1964 huma kienu tilfu 1-0 kontra Gżira United b'goal ta' Twanny Sciberras f'nofs l-ewwel taqsima.

**24-10-1964.**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 4-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: G. Micallef (V) 9', P. Gauci (V) 40' u F. Zammit (V) 80' u 85'.**
**Ref: Ritchie Casha**
**Linesmen: Pawlu Bonett u George Busuttil**

**Valletta FC:** Alfred Stivala, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Eddie 'Tat-Totty' Vella, George Micallef, Josie Urpani, Tony Connor, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**Ħamrun Sp. FC:** Donald Hawkins, Patistu Attard, Carmelo Galea, Albert Calleja, Leli Micallef, John 'Il-Lolu' Zarb, Martin Attard, Edward Spiteri, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Charles 'It-Topsy' Aquilina, Vince Camilleri.

1. Valletta kienu bdew it-training fid-29 ta' Lulju 1964 minħabba l-impenn li kellhom kontra Real Zaragoza fit-Tazza tat-Tazzi fil-bidu t'Ottubru.

2. Il-kampjonat suppost li kellu jibda fit-3 t'Ottubru 1964 b'din il-logħba iżda ġie pospost u ntefa' ġimgħatejn lura minħabba li t-team Belti f' dik il-ġurnata kien ser ikun fi Spanja biex jilgħab it-tieni leg tal-partita tat-Tazza tat-Tazzi kontra Real Zaragoza.

2. Valletta tilfu lis-centre-half Joe Cilia li fl-14 ta' Settembru kien emigra bl-ajru lejn Sydney l-Awstralja. Joe Cilia kien ħallas £80 lill-Armata biex ikun jista' jieqaf mis-Servizz u jemigra. Huwa kien laħaq lagħab fl-ewwel leg tal-partita tat-Tazza tat-Tazzi kontra Real Zaragoza ta' Spanja tmint ijiem qabel. Cilia kien għadu kemm ġie vvutat bħala l-Player tas-Sena tal-MFA. Hu ġie ppreżentat bit-Trofew qabel il-partita kontra Real Zaragoza li kienet l-aħħar waħda tiegħu f'Malta. Cilia ma setax jilgħab ma' Melita Eagles minħabba li Valletta riedu £3,000 mingħand il-club Malti-Awstraljan biex joħorġulhom il-clearance certificate. L-FA Awstraljana kienet anke bagħtet telegram lill-MFA tistaqsi għar-release ta' Joe Cilia bl-MFA tirrispondi li l-player huwa tal-club ta' Valletta u n-negozjati jridu jsiru magħhom. Cilia minn naħa tiegħu kiteb lill-FIFA fejn talab għal free release minħabba li sostna li kien amateur player. Sakemm is-sitwazzjoni tissolva, Melita Eagles f'Diċembru kienu ħatru lil Joe Cilia bħala coach tal-club. Kien fi Frar 1965 li

minn Tonio Farrugia

Cilia seta' jilgħab ma' Melita Eagles wara li Valletta niżżlu t-talba tagħhom għal £500.

3. Players oħra regolari li ħallew it-team Belti kienu l-aħwa Twanny u Vince Vassallo li sieħbu lil Sliema Wanderers bħala professionals, Henry Fenech Azzopardi li sieħeb lil Melita, Johnnie Darmanin li sieħeb lil St. George's FC fit-Tieni Diviżjoni, il-goalkeeper Tommy Taylor li rritorna l-Irlanda u Freddie Borg 'Il-Waniz li emigra lejn l-Ingilterra. Ta' Darmanin St. George's kienu taw lil Valletta £80 u l-half back u kantant Joe Cutajar, ex-player ta' Ħamrun u Zurrieq. Il-Beltin kienu anke poġġew il-players Jackie Grech, Charles Schembri 'Il-Kinnie' u l-goalkeeper Albert Zarb Cousin fuq it-transfer list.

4. Fis-sajf Valletta kienu għamlu tentattiv serju biex jieħdu magħhom lill-players ta' Hibernians Freddie Mizzi u Louis Theobald li ma kienux qed jilgħabu mall-cub Pawlista. Konxji li kienu ser jitilfu s-servizzi tal-goalkeeper Irlandiż Tommy Taylor, Valletta kienu offrew £600 ta' Freddie Mizzi iżda Hibernians kienu talbu £1,200 u ħlas fil-pront. In-negozjati bejn iż-żewġ clubs kienu waqfu ħesrem hekk kif ftit wara iż-żewġ players kienu rranġaw id-differenzi mall-club Pawlista. Minflok Valletta akkwistaw lil-attakkant Charles Buttigieg li kien it-top scorer tal-MAFA fejn kien jilgħab ma' Għaxaq Gazelles u lil George Micallef mingħand Sliema Wanderers. Micallef iffirma mall-Beltin bħala amateur.

5. L-akkwisti l-ġodda tal-Ispartans kienu l-goalkeeper Donald Hawkins li ffirma mingħand it-team tat-Tielet Diviżjoni Siġġiewi, l-attakkant Charlie Zammit li ġie akkwistat mingħand Birkirkara FC u l-goalkeeper Portelli u Leli Micallef li fl-istaġun li għadda t-tnejn kienu jilgħabu ma' St. George's FC. Is-Saints ma kienux riedu jagħtu l-clearance certificate lil Leli Micallef għax riedu jżommuh magħhom filwaqt li anke Siggiewi kienu rrifjutaw li jagħtu l-clearance lil Hawkins fejn dawn ressqu protest quddiem il-Kunsill tal-MFA tal-25 ta' Novembru fejn sostnew li Hawkins ma setax jingħata l-clearance certificate minħabba li kien jitħallas wara kull partita minkejja li kien reġistrat bħala amateur.

6. Il-players reġistrati professjonali mall-club tal-Ispartans ma niżlux għal-logħob. Fil-fatt huma kellhom nieqsa lil Pawlu Buttigieg, Ċikku Xuereb u Jimmy Mizzi fl-attakk u lil Martin Attard u Johnnie Fondacaro fid-difiża. Il-club Ħamruniż kien għamel Laqgħa Ġenerali Straordinarja għall-membri fl-1 ta' Novembru bl-aġenda tkun 'Deċiżjoni fuq ċerti players'.

7. Id-debuttant Patistu Attard huwa membru ieħor minn sebat aħwa Attard li kollha kienu jilgħabu l-football u li kollha f'xi żmien jew ieħor lagħbu għall-Ispartans. Ħutu l-oħra kienu Pawlu, Sunny, Martin, Joseph, Ninu u Cristinu Attard.

8. Fi friendly li kienet saret qabel beda l-kampjonat, fl-4 t'Ottubru 1964, Ħamrun Spartans kienu għelbu lil Sliema Wanderers 1-0 b'goal ta' Charlie Zammit.

9. Minħabba l-festa ta' Kristu Re din kienet l-uniku partita tal-Ewwel Diviżjoni li ntlagħbet fi tmiem il-ġimgħa.

Sliema Wdrs lagħbu partita inqas

**Klassifika:** Hibernians FC, Valletta FC u Gżira Utd. FC 2 pti.; Rabat FC, Ħamrun Sp. FC u Floriana FC 0 pti.; Sliema Wdrs. FC -

**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) 3 goals; F. Delia (Hibernians FC) u F. Zammit (Valletta FC) 2 goals.

## IT-TIENI ĠURNATA
## RABAT FC BYE

**31-10-1964:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 0-0 Ref: Pawlu Bonett**
**Skorja: R. Cocks (S) 57'**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici, Alfred 'Il-Paper' Debono, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Robbie Buttigieg, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Valletta FC:** Alfred Stivala, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Leonard Mizzi, Eddie 'Tat-Totty' Vella, Tony Calleja, Josie Urpani, Tony Connor (Charles Zarb 46'), Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

1. Valletta kellhom ftuħ qawwi fil-partita meta wara 16-il minuta xutt ta' Frankie Zammit stampa mal-mimduda bil-goalkeper Debono megħlub u ftit wara kien Lino Falzon li salva bir-ras minn fuq il-linja tentattiv ta' Tony Calleja li wkoll kien għeleb lil Debono.

2. Il-goal tal-Wanderers wasal minn azzjoni perikoluża ta' Valletta bil-goalkeeper Debono jsalva darbtejn fuq Charles Zarb u Pawlu Gauci biex mill-clearance tiegħu l-ballun wasal għand Leli Micallef li kellu x-xutt salvat minn Stivala b'Ronnie Cocks jiskorja mir-rebound.

3. Lino Falzon ġie ammonit f'nofs l-ewwel taqsima wara li waddab il-ballun lejn ras Pawlu Gauci. Fis-6 ta' Novembru l-Bord tad-Dixxiplina kien immulta lil Falzon nofs lira. L-istess Bord immulta lil Joe Cini ta' Sliema u Johnnie Attard ta' Valletta £1 kull wieħed. Cini instab ħati li ta daqqa ta' ras lill-player avversarju u Johnnie Attard mbotta player ta' Sliema.

4. Sliema Wdrs. FC akkwistaw lil Alfred Debono 'Il-Paper' mingħand il-club amateur ta' Melita FC u lill- ex-players ta' Valletta l-aħwa Twanny u Vince Vassallo li kienu ffirmaw professional mall-Wanderers fid-29 ta' Lulju wara negozjati li ħadu fit-tul. Vince Vassallo kien ngħata £500 biex iffirma.

5. Minn naħa l-oħra l-Wanderers ċedew lil Ġulinu Muscat li sieħeb lil Balzan Youths, liż-żagħżagħ Eric Mallia u John Holland li sieħbu lil Melita, filwaqt li taw ir-release lil Leslie Agius minħabba li kellhom biżżejjed attakkanti. Agius, li kien ingħaqad mall-Wanderers ftit ġimgħat qabel, minflok iffirma ma' Floriana.

6. Player ieħor li ħalla l-club tal-Wanderers wara snin twal ta' servizz kien Ġużi Bonnici 'Geddumu' li kien tilef postu wara l-akkwist ta' Lino Falzon fl-istaġun ta' qabel. Bonnici sieħeb lil Qormi FC għal £80 flimkien mad-dħul mill-attendenza ta' friendly bejn iż-żewġ clubs li ntlagħbet fit-8 ta' Settembru. Il-Wanderers kienu rebħu 2-1 b'goals ta' Cini u Vince Vassallo. Oriġinarjament il-Wanderers kienu talbu £150 tiegħu iżda kienu ħallew lil Bonnici jsiefer ma' Qormi fit-12 t'Awwissu anke jekk kienu għadhom ma rranġawx fuq il-prezz. Qormi kienu kkonfermaw lill-istess Bonnici bħala coach tat-team. Fl-istaġun ta' qabel, waqt li kien għadu player ta' Sliema, Bonnici kien ukoll il-coach tal-istess club ta' Qormi fejn magħhom kien rebaħ il-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni.

7. Valletta kellhom nieqes li,Charlie Williams li weġġa' irkopptu fl-ewwel ħarġa kontra Rabat. Minfloku rritorna fit-team Belti wara nuqqas ta' sentejn il-player Pawlu Carbonaro. Minn naħa tagħhom Sliema Wanderers kienu qed jilgħabu mingħajr il-player Edward Aquilina li kellu xi differenzi mall-coach Ungeriż Janos Bedl. Edward Aquilina kien anke talab ir-release. Minflok Aquilina lagħab Peter Fitzgerald li fl-istaġun ta' qabel kien lagħab darbtejn biss mall-Wanderers.

8. Il-goalkeeper ta' Sliema Alfred Debono u l-akkwist il-ġdid tagħhom Alfred Debono 'Il-Paper' huma kuġini.

9. Sliema Wanderers jinsabu taħt il-gwida tal-coach Ungeriż Janos Bedl. Għalkemm il-kuntratt ta' Bedl ma' Sliema Wanderers kien jibda fl-1 ta' Ġunju, huwa kien wasal Maltafis-7 ta' Lulju - ħames ġimgħat wara, minħabba li ma nħarġitlux il-viża l-gidda. Għall-ewwel huwa kien ġie ngaġġat bħala player-coach iżda wara xi wirjiet medjokri bħala player huwa għażel li jkun coach biss.

10. Sliema Wanderers kienu diġa għelbu lil Valletta 2-1 fis-27 ta' Settembru 1964 fl-ewwel partita kompetittiva tal-istaġun meta kienu qed jilgħabu għat-Tazza Indipendenza – kompetizzjoni ġdida tal-MFA li kienet tlaqqa' liż-żewġ teamijiet li kienu qed jieħdu sehem fit-Tazzi Ewropej.

11. Fost il-friendlies ta' qabel il-kampjonat il-Wanderers kienu lagħbu wkoll kontra Timisoara tar-Rumanija u tilfu 2-0. Il-partita kienet intlagħbet f'Bucharest wara l-partita tat-tieni leg tat-Tazza taċ-Champions tal-Wanderers kontra Dinamo Bucharest.

## Kompetizzjoni

**SPOT THE BALL u irbaħ Flokk ta' Manchester United**




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

Malta's Leading Sports & Casual Shops

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 134

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 134 huwa:
**E. Gatt - Luqa**



# TISLIBA



Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju 2018: **Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**MIMDUDIN**

1) Karl-Heinz, skorer fil-"Game of the Century" tal-1970 (12)
8) Elias, Maria u Roberto, kollha libsu l-flokk tal-Brażil (2)
9) Il-Mascot ta' Espana '82 (9)
10) Concetto .. Bello ma' setax jirreffja l-finali tal-Fifa WC 1970 (2)
12) Kevin-...... Boateng, ex player tal-Ghana imwieled il-Ġermanja (6)
13) Agim, winger tal-Maċedonja 2009-2016 (7)
15) ".. to Racism" (2)
16) Paddy, 2 partiti għar-Repubblika tal-Irlanda fl-1970 (7)
18) Reg, referee Ingliż li kkontrolla Germanja vs Arġentina fl-1958 (5)
19) Allas, right-back tal-Estonja 1997-2008 (4)
20) Ir-referee Paragwajan li keċċa lil Wilkins fil-Fifa WC 1986 (3)
22) Cho Jin-..., attakkant attwali tal-Korea t'Isfel (3)
24) Stephan .. Shaarawy (2)
27) Einar, midfielder Żvediż fil-Fifa WC 1934 (5)
30) Mustafa, difensur Jugoslav b'partita waħda fl-1987 (10)
32) Allan, 10 goals f'19 il-partita ma' l-Ingilterra 1970-75 (6)
33) José, attakkant tal-Messiku fil-Fifa WC 1950 u 1954 (7)
37) Mohammed, ex midfielder tal-Arabja Sawdita b'96 partita (4)
38) Paolo, 48 parita u 20 goal għall-Italja (5)
39) Juan Carlos, midfielder offensiv ta' Spanja 1998-2005 (7)

**WEQFIN**

1) Carlos Alonso González, 56 partita u 15 il-goal għal Spanja (10)
2) Owen, ex midfielder tal-Ingilterra (10)
3) Juan, ex attakkant Arġentin bi 3 partiti (8)
4) João Leiva Campos Filho, fli skwadra Brażiljana tal-1974 (8)
5) Nikos, fli skwadra tal-Greċja fil-Fifa WC 1974 (8)
6) Tommy, lagħab għaż-żewġ Irlandi bejn l-1946 u l-1955 (9)
7) Shilton, 20 sena jgħasses il-lasti tal-Ingilterra 1970-1990 (5)
11) Shinji, midfielder Ġappuniż fil-Fifa WC 2002 (3)
14) Kanazaki, winger attwali tal-Ġappun (2)
17) Lee, right-half Ingliż b'partita waħda fl-1904 (4)
21) Vranješ, difensur attwali tal-Bosnia u Herzegovina (6)
23) Romero, midfielder offensiv attwali tal-Paragwaj (5)
25) Hugo, goalkeeper attwali ta' Franza (6)
26) Ivan, difensur ċentrali attwali tal-Bulgarija (6)
28) Perišić, winger attwali tal-Kroazja (4)
29) Salvatore "...." Schillaci (4)
31) David, right-back Irlandiż 1912-1926 (5)
34) Guido, midfielder Taljan bi 13 il-partita 1911-1920 (3)
35) Andersson, attakkant ta' li Żvezja fil-Fifa WC 1938 (3)
36) Park ...-ho, left-back attwali tal-Korea t'Isfel (3)

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 134

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | O | B | B | Y | C | H | A | R | L | T | O | N | |
| E | | E | | A | | O | | U | | A | | O | |
| C | A | P | E | L | L | O | | S | A | B | A | T | O |
| K | | P | | C | | P | A | T | | A | | E | |
| E | M | E | N | I | K | E | | | B | R | E | R | A |
| N | | | E | N | | R | I | Q | U | E | L | M | E |
| B | E | N | E | | I | | | A | | Z | S | A | K |
| A | | | S | E | V | I | L | L | E | | T | N | |
| U | S | A | K | | E | G | U | I | N | O | | S | E |
| E | | G | E | R | S | O | N | | O | | I | | V |
| R | E | I | N | A | | A | D | E | | A | B | A | R |
| | D | U | S | K | O | | A | M | R | | R | | A |
| L | E | S | | I | G | | H | R | A | B | A | L | |
| | R | | E | C | U | E | L | E | | A | | L | I |

Rebbieħa Ħarġa nru 134:
**G. Cachia - Hamrun**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail


adidas
asics
Babolat
diadora
HIGH POWER
LEONE
macron
TEAMSPORT
Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara
Reebok
speedo
molten
Sixtus
TYR


BECOME A REFEREE
REFEREEING IS...FUN
referees@mfa.com.mt
RECRUITMENT
NOW OPEN!
Contact referees@mfa.com.mt
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION

# i

Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

**iNEWS** MALTA